ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 186

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 53**

**20 ta' Lulju 2010**

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 632/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 24 u l-Istandard Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 8** ([1]) ..... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 633/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 14 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC)** ([1]) ..... 10

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 634/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Ricotta di Bufala Campana (DPO)]** ..... 14

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 635/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 li jiftaħ il-proċedura għall-allokazzjoni tal-liċenzji ta' esportazzjoni għall-ġobon li għandu jiġi esportat lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2011 taħt ċerti kwoti tal-GATT** ..... 16

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 636/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 22

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 4 EUR**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 637/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji ........ 24

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 638/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 dwar il-kwistjoni tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet li tressqu fl-ewwel 7 ijiem ta' Lulju 2010 skont il-kwota tariffarja għaċ-ċanga ta' kwalità għolja amministrata mir-Regolament (KE) Nru 620/2009 ........ 26

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2010 tad-19 ta' Lulju 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 ........ 27

DEĊIŻJONIJIET

2010/400/UE:

★ **Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tat-8 ta' Lulju 2010 li taħtar imħallfin fil-Qorti Ġenerali** ........ 29

2010/401/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv f'Ċipru** ........ 30

2010/402/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2009 dwar miżura ta' għajnuna li l-Pajjiżi l-Baxxi qed jipproponu li jimplimentaw, li permezz tagħha tingħata eżenzjoni minn taxxa ambjentali lill-produtturi taċ-ċeramika C 5/09 (ex N 210/08)** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9972)* [1] ........ 32

2010/403/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2010 li teżenta l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana fl-Italja u l-bejgħ bl-imnut tal-elettriku lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna fl-Italja, mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4740)* [1] ........ 44

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 632/2010

**tad-19 ta' Lulju 2010**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 24 u l-Istandard Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 8**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 [2] ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fid-4 ta' Novembru 2009, il-Bord għall-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ippubblika reviżjoni tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 24 *Żvelar fuq Partijiet Relatati*, minn issa 'l quddiem "l-IAS 24 rivedut". L-għan tat-tibdiliet li saru mill-IAS 24 rivedut huwa li tiġi ssimplifikata d-definizzjoni ta' parti relatata filwaqt li jitneħħew ċerti inkonsistenzi u jiġu pprovduti xi eżenzjonijiet għal entitajiet b'rabta governattiva fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni li dawn l-entitajiet jeħtiġilhom jipprovdu fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati.

(3) Il-konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti Tekniċi (TEG) tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) tikkonferma li l-IAS 24 rivedut jissodisfa l-kriterji tekniċi għall-adozzjoni kif stipulat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/505/KE tal-14 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi [Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards] biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-oġġettività u n-newtralità tal-opinjonijiet tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar ir-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) [3], il-Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards qies l-opinjoni tal-EFRAG dwar l-adozzjoni u ta parir lill-Kummissjoni li din hija bbilanċata kif xieraq u oġġettiva.

(4) L-adozzjoni tal-IAS 24 rivedut timplika, b'konsegwenza, emendi għall-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) nru 8 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-istandards internazzjonali tal-kontabilità.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 hu emendat kif ġej:

(1) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS ) 24 għandu jiġi mibdul mal-IAS 24 kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(2) L-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 8 għandu jiġi emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Kull kumpanija għandha tapplika l-IAS 24 u l-emendi għall-IFRS 8, kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja li tibda wara l-31 ta' Diċembru 2010.

---

[1] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

[2] ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.

[3] ĠU L 199, 21.7.2006, p. 33.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

**STANDARDS INTERNAZZJONALI TAL-KONTABILITÀ**

| | |
|---|---|
| IAS 24 | **IAS 24 *Żvelar fuq Partijiet Relatati*** |
| IFRS 8 | **Emenda għall-IFRS 8 *Segmenti tal-Operat*** |

**"Riproduzzjoni permessa fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Id-drittijiet kollha eżistenti riżervati barra miż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tad-dritt ta' riproduzzjoni għall-użu personali jew għal skopijiet oħra ta' kummerċ ġust. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-IASB minn www.iasb.org"**

## Standard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 24

### *Żvelar fuq Partijiet Relatati*

GĦAN

1 L-għan ta' dan l-Istandard huwa li jiġi żgurat li r-rapporti finanzjarji ta' entità jkun fihom l-iżvelar meħtieġ biex jiġbed l-attenzjoni għall-possibbiltà li l-pożizzjoni finanzjarja u l-profitt jew it-telf tagħha setgħu kienu affettwati mill-eżistenza ta' partijiet relatati u minn tranżazzjonijiet u bilanċi pendenti, fosthom l-impenji, ma' dawn il-partijiet.

AMBITU

2 **Dan l-Istandard għandu jiġi applikat fi:**

**(a) l-identifikazzjoni ta' relazzjonijiet u tranżazzjonijiet tal-partijiet relatati**;

**(b) l-identifikazzjoni ta' bilanċi pendenti, fosthom l-impenji, bejn entità u l-partijiet relatati magħha**;

**(c) l-identifikazzjoni taċ-ċirkustanzi li fihom ikun meħtieġ l-iżvelar tal-punti (a) u (b); kif ukoll**

**(d) li jiġi stabbilit l-iżvelar li għandu jsir dwar dawk il-punti**.

3 **Dan l-Istandard jeħtieġ l-iżvelar tar-relazzjonijiet, tranżazzjonijiet u bilanċi pendenti tal-parti relatata, fosthom l-impenji, fir-rapporti finanzjarji konsolidati u separati ta' kumpanija prinċipali, imprenditur jew investitur, ippreżentati skont l-IAS 27 *Rapporti Finanzjarji Konsolidati u Separati*. Dan l-Istandard japplika wkoll għar-rapporti finanzjarji individwali.**

4 Tranżazzjonijiet u bilanċi pendenti ta' parti relatata ma' entitajiet oħra fi grupp huma żvelati fir-rapporti finanzjarji ta' entità. Tranżazzjonijiet u bilanċi pendenti ta' parti relatata fi ħdan grupp huma eliminati fil-preparazzjoni tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-grupp.

GĦAN TAL-IŻVELAR FUQ PARTIJIET RELATATI

5 Relazzjonijiet ma' partijiet relatati huma karatteristika normali tal-kummerċ u n-negozju. Pereżempju, entitajiet ta' spiss iwettqu partijiet mill-attivitajiet tagħhom permezz ta' sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-entità tista' taffettwa l-politiki finanzjarji u operattivi tal-entità li tirċievi l-investiment permezz ta' preżenza ta' kontroll, kontroll konġunt jew influwenza sinifikanti.

6 Relazzjoni ma' parti relatata jista' jkollha effett fuq il-profitt jew it-telf u l-pożizzjoni finanzjarja ta' entità. Partijiet relatati jistgħu jidħlu fi tranżazzjonijiet li partijiet li mhux relatati ma jidħlux għalihom. Pereżempju, entità li tbigħ prodotti lill-kumpanija prinċipali tagħha bil-prezz kemm jiswewha tista' ma tbigħx b'dawk it-termini lil klijent ieħor. Ukoll, tranżazzjonijiet bejn partijiet relatati jistgħu ma jsirux bl-istess ammonti bħal dawk li jsiru bejn partijiet mhux relatati.

7 Il-profitt jew telf u l-pożizzjoni finanzjarja ta' entità jistgħu jiġu affettwati b'relazzjoni ma' parti relatata, anki jekk it-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati ma jseħħux. Is-sempliċi eżistenza ta' relazzjoni tista' tkun biżżejjed biex taffettwa t-tranżazzjonijiet tal-entità ma' partijiet oħrajn. Pereżempju, sussidjarja tista' tittermina r-relazzjonijiet ma' sieħeb fin-negozju malli l-kumpanija prinċipali f'akkwiżizzjoni mill-kumpanija prinċipali ta' sussidjarja relatata li tagħmel l-istess attività bħalma jagħmel is-sieħeb ta-negozju msemmi qabel. Alternattivament, parti waħda tista' ma taġixxix minħabba l-influwenza sinifikanti tal-oħra – pereżempju, sussidjarja tista' tiġi ordnata mill-kumpanija prinċipali tagħha biex ma tagħmilx riċerka u żvilupp.

8 Għal dawn ir-raġunijiet, konoxxenza tat-tranżazzjonijiet ta' entità, il-bilanċi pendenti, fosthom l-impenji u r-relazzjonijiet mal-partijiet relatati jistgħu jaffettwaw il-valutazzjonijiet tal-operazzjonijiet tagħha mill-utenti tar-rapporti finanzjarji, li jinkludu l-valutazzjonijiet tar-riskji u tal-opportunitajiet li jippreżentaw ruħhom lill-entità.

DEFINIZZJONIJIET

9 **It-termini li ġejjin jintużaw f'dan l-Istandard bit-tifsiriet speċifikati:**

***Parti relatata*** **hija persuna jew entità li tkun relatata mal-entità li tħejjilha r-rapporti finanzjarji tagħha (f'dan l-Istandard imsejħa l-"entità li tirrapporta").**

**(a) Persuna jew membru qarib tal-familja ta' dik il-persuna tkun relatata ma' entità li tirrapporta jekk dik il-persuna:**

**(i) ikollha kontroll jew kontroll konġunt fuq l-entità li tirrapporta;**

**(ii) ikollha influwenza sinifikanti fuq l-entità li tirrapporta; jew**

**(iii) tkun membru tal-persunal maniġerjali ewlieni tal-entità li tirrapporta jew ta' kumpanija prinċipali tal-entità li tirrapporta.**

**(b) Entità tkun relatata ma' entità li tirrapporta jekk tkun tapplika kwalunkwe mill-kundizzjonijiet li ġejjin:**

**(i) L-entità u l-entità li tirrapporta jkunu membri tal-istess grupp (li tfisser li kull kumpanija prinċipali, sussidjarja jew sussidjarja relatata tkun relatata mal-oħrajn).**

**(ii) Entità tkun kumpanija assoċjata jew impriża konġunta tal-entità l-oħra (jew kumpanija assoċjata jew impriża koġunta ta' membru ta' grupp li tiegħu hija membru l-entità l-oħra).**

**(iii) Iż-żewġ entitajiet ikunu impriżi koġunti tal-istess parti terza.**

**(iv) Entità tkun impriżi konġunta ta' entità terza u l-entità l-oħra tkun kumpanija assoċjata tal-entità terza.**

**(v) L-entità tkun pjan għal wara l-irtirar mix-xogħol għall-benefiċċju tal-impjegati tal-entità li tirrapporta jew ta' xi entità relatata mill-entità li tirrapporta. Jekk l-entità li tirrapporta tkun hi stess pjan bħal dan, dawk li jħaddmu u jissponsorjaw jkunu ukoll relatati mal-entità li tirrapporta.**

**(vi) L-entità tkun ikkontrollata unikament jew b'mod konġunt minn persuna identifikata f'(a).**

**(vii) Persuna identifikata f'(a)(i) ikollha influwenza sinifikanti fuq l-entità jew fuq membru tal-persunal maniġerjali ewlieni tal-entità (jew ta' kumpanija prinċipali tal-entità).**

***Tranżazzjoni ma' parti relatata*** **hija t-trasferiment ta' riżorsi, servizzi jew obbligi bejn entità li tirrapporta u parti relatata, irrelevanti minn jekk jintalabx prezz.**

***Qraba tal-familja ta' individwu*** **huma dawk il-membri tal-familja li jkunu mistennija li jinfluwenzaw, jew jiġu influwenzati minn, dak l-individwu fin-negozju tagħhom mal-entità u jinkludu:.**

**(a) it-tfal u l-mara/raġel jew sieħba/sieħeb domestika/u tal-persuna;**

**(b) it-tfal tal-mara/raġel jew sieħba/sieħeb domestika/u tal-persuna; kif ukoll**

**(c) id-dipendenti ta' dik il-persuna jew tal-mara/raġel jew sieħba/sieħeb domestika/u ta' dik il-persuna.**

***Kumpens*** **jinkludi l-benefiċċji kollha tal-impjegati (kif iddefiniti fl-IAS 19** ***Benefiċċji għall-Impjegati*****) fosthom il-benefiċċji tal-impjegati li għalihom japplika l-IFRS 2** ***Pagament Ibbażat fuq l-Ishma*****. Benefiċċji tal-impjegati huma l-forom kollha ta' korrispettiv imħallas jew ipprovdut mill-entità, jew f'isem l-entità, għal servizzi mogħtija lill-entità. Jinkludi wkoll korrispettiv imħallas ta' dan it-tip f'isem il-kumpanija prinċipali tal-entità fir-rigward tal-entità. Kumpens jinkludi:**

**(a) benefiċċji fuq perjodu qasir ta' żmien għall-impjegati, bħal pagi, salarji u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, frank annwali mħallas, assenza għall-mard imħallsa, qsim tal-profitti u bonusijiet (jekk imħallsa fi żmien tnax-il xahar mit-tmiem il-perjodu) u benefiċċji mhux monetarji (bħal kura medika, akkomodazzjoni, karrozzi u oġġetti jew servizzi mingħajr ħlas jew issussidjati) għal impjegati kurrenti;**

**(b) benefiċċji ta' wara l-impjieg bħal pensjonijiet, benefiċċji oħra tal-irtirar, assigurazzjoni tal-ħajja ta' wara l-impjieg u kura medika ta' wara l-impjieg;**

**(c) benefiċċji oħra fuq perjodu twil ta' żmien għall-impjegati, li jinkludu frank għal servizz twil jew frank sabbatiku, benefiċċji ta' ġublew jew benefiċċji oħra għal servizz twil, benefiċċji fuq perjodu twil ta' żmien minħabba diżabbiltà u jekk ma jkunux jitħallsu kollha fi żmien tnax-il xahar wara tmiem il-perjodu, qsim tal-profitti, bonusijiet u kumpens differit;**

**(d) benefiċċji tat-terminazzjoni l-impjieg; kif ukoll**

**(e) pagament ibbażat fuq l-ishma.**

***Kontroll*** **hu s-setgħa li tirregola l-politiki finanzjarji u operattivi ta' entità biex tikseb benefiċċji mill-attivitajiet tagħha.**

***Kontroll konġunt*** **hu l-kondiviżjoni miftehma b'kuntratt tal-kontroll fuq attività ekonomika.**

***Personal maniġerjali ewlieni*** **huwa dawk il-persuni li għandhom l-awtorità u r-responsabbiltà għall-ippjannar, id-direzzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet tal-entità, direttament jew indirettament u li jinkludu kwalunkwe direttur (kemm jekk eżekuttiv jew mhux) ta' dik l-entità.**

***Influwenza sinifikanti*** **hi s-setgħa li tipparteċipa fid-deċiżjonijiet ta' politika finanzjarja u operattiva ta' entità, iżda mhix il-kontroll fuq dawk il-politiki. Influwenza sinifikanti tista' tinkiseb bil-pussess ta' ishma, statut jew ftehim.**

***Gvern*** **tirreferi għall-gvern, aġenziji tal-gvern u korpi simili kemm jekk lokali, nazzjonali jew internazzjonali.**

***Entità relatat mal-gvern*** **hija entità li hija kkontrollata, b'kontroll konġunt jew li hija influwenzata sinifikattivament minn xi gvern.**

10 Meta tkun qed tiġi kkunsidrata kull relazzjoni possibbli ma' parti relatata, tingħata attenzjoni għas-sustanza tar-relazzjoni u mhux biss għal forma legali.

11 Fil-kuntest ta' dan l-Istandard, dawn li ġejjin mhumiex partijiet relatati:

(a) żewġ entitajiet sempliċiment minħabba li jkollhom direttur jew membru ieħor tal-persunal maniġerjali ewlieni komuni jew għax membru tal-persunal maniġerjali ewlieni ta' entità minnhom ikollu influwenza sinifikanti fuq l-entità l-oħra.

(b) żewġ imprendituri sempliċiment minħabba li jikkondiviżu kontroll konġunt fuq impriża konġunta.

(c) (i) fornituri ta' finanzi,

(ii) trade unions,

(iii) utilitajiet pubbliċi, u

(iv) dipartimenti u aġenziji ta' gvern li la jikkontrollaw, la jikkontrollaw b'mod konġunt u lanqas jinfluwenzaw b'mod sinifikanti lill-entità li tirrapporta,

sempliċiment minħabba n-negozju normali tagħhom ma' entità (anki jekk jistgħu jaffettwaw il-libertà ta' entità li tagixxi jew jipparteċipaw fil-proċess tagħha tat-teħid tad-deċiżjonijiet).

(d) klijent, fornitur, konċessjonarju, distributur jew aġent ġenerali ma' min l-entità tagħmel volum sinifikanti ta' tranżazzjonijiet kummerċjali, sempliċiment minħabba d-dipendenza ekonomika li tirriżulta.

12 Fid-definizzjoni ta' parti relatata, kumpanija assoċjata tinkludi s-sussidjarji tal-kumpanija assoċjata, filwaqt li impriża konġunta tinkludi s-sussidjarji tal-impriża konġunta. Għalhekk, pereżempju, sussidjarja ta' kumpanija assoċjata u l-investitur li għandu influwenza sinifikanti fuq il-kumpanija assoċjata huma relatati flimkien.

ŻVELAR

**L-entitajiet kollha**

13 **Relazzjonijiet bejn kumpanija prinċipali u s-sussidjarji tagħha għandhom jiġu żvelati irrispettivament minn jekk kienx hemm tranżazzjonijiet bejniethom. Entità għandha tiżvela l-isem tal-kumpanija prinċipali tagħha u, jekk differenti, il-parti li finalment tikkontrollaha. Jekk la l-kumpanija prinċipali tal-entità u lanqas il-parti li finalment tikkontrollaha ma jipproduċu rapporti finanzjarji konsolidati disponibbli għall-użu pubbliku, għandu jiġi żvelat l-isem tal-kumpanija prinċipali l-aktar superjuri li jmiss.**

14 Biex l-utenti tar-rapporti finanzjarji jkunu jistgħu jiffurmaw opinjoni dwar l-effetti tar-relazzjonijiet ma' parti relatata fuq entità, hu xieraq li tiġi żvelata r-relazzjoni ma' parti relatata meta jeżisti kontroll, irrispettivament minn jekk kienux seħħew tranżazzjonijiet bejn il-partijiet relatati.

15 Ir-rekwiżit li jkunu żvelati r-relazzjonijiet tal-partijiet relatati bejn kumpanija prinċipali u s-sussidjarji tagħha hija b'żieda mar-rekwiżiti tal-iżvelar fl-IAS 27, IAS 28 *Investimenti f'Kumpaniji Assoċjati* u IAS 31 *Interessi f'Impriżi Konġunti*.

16 Il-paragrafu 13 jirreferi għall-ewwel kumpanija importanti li jmiss. Din tkun l-ewwel kumpanija prinċipali fil-grupp li tiġi immedjatament fuq il-kumpanija prinċipali li tipproduċi r-rapporti finanzjarji konsolidati disponibbli għall-użu pubbliku.

17 **Entità għandha tiżvela l-kumpens lill-persunal maniġerjali ewlieni kemm bħala total kif ukoll għall kull waħda mill-kategoriji li ġejjin:**

**(a) benefiċċji fuq perjodu qasir ta' żmien għall-impjegati;**

**(b) benefiċċji ta' wara l-impjieg;**

**(c) benefiċċji oħra fuq perjodu twil ta' żmien;**

**(d) benefiċċji ta' tmiem l-impjieg; kif ukoll**

**(e) pagament ibbażat fuq l-ishma.**

18 **Jekk entità tkun għamlet tranżazzjonijiet ma' parti relatata matul il-perjodi koperti mir-rapporti finanzjarji, din għandha tiżvela n-natura tar-relazzjoni mal-parti relatata kif ukoll l-infromazzjoni dwar dawn it-tranżazzjonijiet u bilanċi pendenti, fosthom l-impenji li tkun meħtieġa mill-utenti biex jifhmu l-effett potenzjali tar-relazzjoni fuq ir-rapporti finanzjarji. Dawn ir-rekwiżiti tal-iżvelar huma b'żieda ma' dawk fil-paragrafu 17. Tal-anqas, l-iżvelar għandu jinkludi:**

**(a) l-ammont tat-tranżazzjonijiet**;

**(b) l-ammont tal-bilanċi pendenti, fosthom l-impenji, u**:

**(i) it-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, bl-inklużjoni ta' jekk ġewx assigurati, u n-natura tal-korrispettiv li għandu jingħata bħala saldu; kif ukoll**

**(ii) dettalji ta' kwalunkwe garanzija mogħtija jew li waslet;**

**(c) dispożizzjonijiet għal djun dubjużi relatati mal-ammont ta' bilanċi pendenti; kif ukoll**

**(d) l-ispiża rikonoxxuta matul il-perjodu fir-rigward ta' djun li ma jitħallsux jew dubjużi dovuti minn partijiet relatati.**

19 **L-iżvelar meħtieġ mill-paragrafu 18 għandu jsir b'mod separat għal kull waħda mill-kategoriji li ġejjin:**

**(a) il-kumpanija prinċipali**;

**(b) entitajiet li jkollhom kontroll konġunt jew b'influwenza sinifikanti fuq l-entità**;

**(c) sussidjarji**;

**(d) kumpaniji assoċjati**;

**(e) impriżi konġunti li fihom l-entità tkun imprenditriċi**;

**(f) persunal maniġerjali ewlieni tal-entità jew il-kumpanija prinċipali tagħha; kif ukoll**

**(g) partijiet relatati oħra**.

20 Il-klassifikazzjoni tal-ammonti pagabbli lil, u dovuti minn, partijiet relatati fil-kategoriji differenti kif meħtieġ fil-paragrafu 19 hi estensjoni tal-iżvelar meħtieġ fl-IAS 1 *Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji* biex l-informazzjoni tiġi ppreżentata jew fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja jew fin-noti. Il-kategoriji huma estiżi biex jipprovdu analiżi aktar komprensiva tal-bilanċi tal-partijiet relatati u japplikaw għat-tranżazzjonijiet tal-partijiet relatati.

21 Dawn li ġejjin huma eżempji ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu żvelati jekk isiru ma' parti relatata:

(a) xiri jew bejgħ ta' oġġetti (lesti jew le);

(b) xiri jew bejgħ ta' proprjetà u assi oħra;

(c) servizzi mogħtija jew irċevuti;

(d) kuntratti ta' kiri;

(e) trasferimenti ta' riċerka u żvilupp;

(f) trasferimenti taħt ftehimiet ta' liċenzja;

(g) trasferimenti taħt arranġamenti finanzjarji (li jinkludu self u kontribuzzjonijiet tal-ekwità fi flus jew f'oġġetti);

(h) dispożizzjonijiet għal garanziji jew kollateral;

(i) impenji li wieħed iwettaq xi ħaġa f'każ li jseħħ jew ma jseħħx xi avveniment partikolari fil-futur, fosthom kuntratti eżekutorji (*) (rikonoxxuti jew mhux); kif ukoll

(j) saldu ta' obbligazzjonijiet f'isem l-entità jew mill-entità f'isem dik il-parti relatata.

22 Parteċipazzjoni minn kumpanija prinċipali jew minn sussidjarju fi pjan ta' benefiċċju ddefinit li jaqsam ir-riskji bejn entitajiet tal-grupp hija tranżazzjoni bejn partijiet relatati (ara l-paragrafu 34B tal-IAS 19).

23 Żvelar li tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati saru fuq termini li huma ekwivalenti għal dawk eżistenti fi tranżazzjonijiet distakkati jsir biss jekk dawn it-termini jistgħu jiġu ssostanzjati.

24 **Punti li jkunu ta' natura simili jistgħu jiġu żvelati flimkien, ħlief meta żvelar separat hu meħtieġ biex wieħed jifhem l-effetti ta' tranżazzjonijiet ma' parti relatata fid-dikjarazzzjonijiet finanzjarji tal-entità.**

**Entitajiet relatati mal-gvern**

25 **Entità li tirrapporta hija eżentata mir-rekwiżiti tal-iżvelar tal-paragarfu 18 b'rabta mat-tranżazzjonijiet u l-bilanċi pendenti ma' parti relatata, inkużi l-impenji ma':**

**(a) gvern li għandu kontroll, kontroll konġunt jew sinifikanti fuq l-entità li tirrapporta; kif ukoll**

**(b) entità oħra li tkun parti relatata minħabba li l-istess gvern ikollu kontroll, kontroll konġunt jew sinifikanti fuq kemm l-entità li tirrapporta u l-entità l-oħra**.

26 **Jekk entità li tirrapporta tapplika l-eżenzjoni fil-paragrafu 25, din għandha tiżvela dan li ġej dwar it-tranżazzjonijiet u l-bilanċi dependi relatati msemmija fil-paragrafu 25:**

**(a) l-isem tal-gvern u x'tip ta' relazzjoni għandu mal-entità li tirrapporta (jiġifieri kontroll, kontroll konġunt jew influwenza sinifikanti);**

**(b) l-informazzjoni li ġejja f'biżżejjed dettall sabiex tippermetti lill-utenti tar-rapporti finanzjarji tal-entità jifhmu l-effett tat-tranżazzjonijiet tal-parti relatata fuq ir-rapporti finanzjarji tagħha:**

**(i) it-tip u l-ammont ta' kull tranżazzjoni individwali sinifikanti; kif ukoll**

**(ii) għal tranżazzjonijiet oħra li jkunu kollettivament, iżda mhux individwalment, sinifikanti, indikazzjoni kwalitattiva jew kwantitattiva tad-daqs tagħhom. It-tipi ta' tranżazzjonijiet jinkludu dawk elenkati fil-paragrafu 21**.

27 Fil-ġudizzju tagħha meta tiddetermina l-livell ta' detall li għandu jkun żvelat skont ir-rekwiżiti fil-paragrafu 26(b), l-entità li tirrapporta għandha tqis kemm hija mill-qrib ir-relazzjoni tal-parti relatata u fatturi oħra relevanti biex jiġi stabbilit il-livell tas-sinifikat tat-tranżazzjoni bħal jekk tkunx:

(a) sinifikanti f'termini ta' daqs;

(b) imwettqa b'termini li mhux tas-suq;

(c) lil hinn mill-operati kummerċjali normali ta' kuljum, bħax-xiri u l-bejgħ ta' negozji;

(d) żvelata lill-awtoritajiet regolatorji jew superviżorji;

(e) rapportata lill-maniġment fil-livelli għoljin;

(f) soġġetta għall-approvazzjoni tal-azzjonisti.

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

28 Entità għandha tapplika dan l-Istandard retrospettivament għal perjodi annwali li jibdew mill-1 ta' Jannar 2011 jew wara. Hija permessa l-applikazzjoni minn aktar kmieni, jew tal-Istandard kollu jew tal-eżenzjoni parzjali fil-paragrafi 25-27 għall-entitajiet relatati mal-gvern. Entità, kemm jekk tapplika dan l-istandard sħiħ jew dik l-eżenzjoni parzjali għal perjodu li jibda qabel l-1 ta' Jannar 2011, dejjem għandha tiżvela li qed tagħmel hekk.

IRTIRAR TAL-IAS 24 (2003)

29 Dan l-Istandard jieħu post l-IAS 24 *Żvelar fuq Partijiet Relatati* (kif revedut fl-2003).

---

(*) L-IAS 37, *Provvedimenti, Obbligazzjonijiet Kontinġenti u Assi Kontinġenti* jiddefinixxi l-kuntratti eżekutorji bħala kuntratti li fihom il-partijiet ma jkunu wettqu xejn mill-obbligi tagħhom jew fejn iż-żewġ partijiet ikunu wettqu l-obbligi tagħhom parzjalment u fl-istess miżura.

*Appendiċi*

**Emenda fl-IFRS 8 *Segmenti tal-Operat***

A1 Il-paragrafu 34 għandu jiġi emendat kif ġej (it-test il-ġdid huwa ssottolinjat u t-test imħassar huwa maqtugħ) u għandu jiżdied il-paragrafu 34B.

34 Entità għandha tagħti informazzjoni dwar sa fejn tasal id-dipendenza tagħha fuq il-klijenti prinċipali tagħha. Jekk id-dħul minn tranżazzjonijiet minn klijent estern wieħed jammontaw għal 10 fil-mija jew aktar tad-dħul tal-entità, l-entità għandha tiddikjara dan il-fatt, l-ammont totali tad-dħul minn kull klijent bħal dan, u l-identità tas-segment jew segmenti li qed jirrappurtaw dan id-dħul. L-entità m'għandhiex għalfejn tiżvela l-identità ta' klijent prinċipali jew l-ammont tad-dħul li kull segment jirrapporta mingħand dak il-klijent. Għall-finijiet ta' dan l-IFRS, grupp ta' entitajiet magħruf għall-entità li qed tirrapporta li jkun taħt kontroll komuni għandu jiġi meqjus bħala klijent wieħed,. Madankollu, huwa meħtieġ ġudizzju biex jkun ivvalutat jekk ~~u~~ gvern (~~nazzjonali, stat~~, ~~provinċjali~~, ~~territorjali~~, ~~lokali jew barrani~~ inkluż l-aġenziji tal-gvern u entitajiet simili kemm jekk lokali, nazzjonali jew internazzjonali) u entitajiet magħrufa għall-entità li ~~qed~~ tirrapporta li jkunu taħt il-kontroll ta' dak il-gvern ~~għandhom~~ jitqiesu bħal klijent wieħed. F'din il-valutazzjoni, l-entità li tirrapporta għandha tqis il-grad ta' integrazzjoni bejn dawn iż-żewġ entitajiet.

36B L-IAS 24 *Żvelar fuq Partijiet Relatati* (kif rivedut fl-2009) emeda l-paragrafu 34 għall-perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2011 jew wara. Jekk entità tapplika l-IAS 24 (emendat fl-2009) għal perjodu li ġie qabel, hija għandha tapplika l-emenda fil-paragrafu 34 għal dak il-perjodu li ġie qabel.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 633/2010

## tad-19 ta' Lulju 2010

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 14 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 [2] ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fil-15 ta' Novembru 2009, il-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC) ippubblika emendi għall-Interpretazzjoni 14 tal-IFRIC *Prepagamenti ta' Rekwiżit ta' Finanzjament Minimu*, minn hawn 'il quddiem "l-emendi għall-IFRIC 14". L-għan tal-emendi għall-IFRIC 14 huwa li titneħħa l-konsegwenza mhux intenzjonata tal-IFRIC 14 f'każijiet fejn entità soġġetta għal rekwiżit ta' finanzjament minimu, tagħmel pagament bikri ta' kontribuzzjonijiet li, f'ċerti ċirkustanzi, l-entità li tagħmel dan il-prepagament tkun meħtieġa tirrikonoxxi spiża. Fil-każ fejn pjan definit ta' benefiċċju huwa soġġett għal rekwiżit ta' finanzjament minimu, l-emenda għall-IFRIC 14 tippreskrivi li dan il-prepagament jitqies bħala assi, bħal kwalunkwe prepagament ieħor.

(3) Il-konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti Tekniċi (TEG) tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar ir-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) jikkonferma li l-emendi għall-IFRIC 14 jissodisfaw il-kriterji tekniċi għall-adozzjoni kif stipulat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/505/KE tal-14 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi [Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards] biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-oġġettività u n-newtralità tal-opinjonijiet tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar ir-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) [3], il-Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards qies l-opinjoni tal-EFRAG dwar l-adozzjoni u ta parir lill-Kummissjoni li din hija bbilanċata kif xieraq u oġġettiva.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 l-Interpretazzjoni 14 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC) għandha tiġi emendata kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi għall-IFRIC 14, kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament, mhux aktar tard, mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja li tibda wara l-31 ta' Diċembru 2010.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

(1) ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

(2) ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.

(3) ĠU L 199, 21.7.2006, p. 33.

*ANNESS*

**STANDARDS INTERNAZZJONALI TAL-KONTABILITÀ**

| | |
|---|---|
| IFRIC 14 | **Emendi għall-Interpretazzjoni 14 tal-IFRIC *Prepagamenti ta' Rekwiżit ta' Finanzjament Minimu*** |

**"Riproduzzjoni permessa fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Id-drittijiet kollha eżistenti riżervati barra miż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tad-dritt ta' riproduzzjoni għall-użu personali jew għal skopijiet oħra ta' kummerċ ġust. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-IASB mis-sit www.iasb.org"**

EMENDI GĦALL-IFRIC 14

Il-paragrafi 16-18 u 20-22 huma emendati.
Jiżdiedu l-paragrafi 3A, 27B u 29.

SFOND

3A F'Novembru 2009 il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà emenda l-IFRIC 14 biex ineħħi l-konsegwenzi inċidentali li jirriżultaw mit-trattament tal-prepagamenti ta' kontribuzzjonijiet futuri f'xi ċirkostanzi meta jkun hemm rekwiżit ta' finanzjament minimu.

KONSENSUS

**Il-benefiċċju ekonomiku disponibbli bħala tnaqqis fil-kontribuzzjoni**

16 Jekk ma jkun hemm l-ebda rekwiżit ta' finanzjament minimu għall-kontribuzzjonijiet dwar is-servizz futur, il-benefiċċju ekonomiku disponibbli bħala tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet futuri ikun:

(a) [imħassar]

(b) il-kost ta' servizz futur lill-entità għal kull perjodu diviż mill-ħajja mistennija tal-pjan jew mill-ħajja mistennija tal-entità, skont liema jkun l-iqsar. Il-kost ta' servizz futur lill-entità jeskludi l-ammonti li ser jinġarru mill-impjegati.

17 Entità għandha tiddetermina l-kostijiet ta' servizz futur billi tuża suppożizzjonijiet konsistenti ma' dawk użati biex tiddetermina l-obbligazzjoni tal-benefiċċju definita u mas-sitwazzjoni li tkun teżisti fit-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar kif stabblit fl-IAS 19. Għalhekk, entità ma għandha tassumi l-ebda bidla fil-benefiċċji li għandhom jiġu pprovduti minn pjan fil-futur sakemm il-pjan ma jkunx emendat, u għandha tassumi element stabbli ta' ħaddiema fil-futur, sakemm, fit-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar l-entità ma tkunx impenjata b'mod li jidher biex tnaqqas l-għadd ta' impjegati li jkunu koperti mill-pjan. Fil-każ tal-aħħar, is-suppożizzjoni dwar il-ħaddiema fil-futur għandha tinkludi t-tnaqqis.

**L-effett tar-rekwiżit ta' finanzjament minimu fuq il-benefiċċju ekonomiku disponibbli bħala tnaqqis f'kontribuzzjonijiet futuri**

18 Entità għandha tanalizza kwalunkwe rekwiżit ta' finanzjament minimu f'data speċifika f'kontribuzzjonijiet li jkunu meħtieġa biex ikopru (a) kwalunkwe diskrepanza eżistenti għal servizz fil-passat fuq il-bażi ta' finanzjament minimu u (b) s-servizz futur.

20 Jekk ma jkun hemm l-ebda rekwiżit ta' finanzjament minimu għall-kontribuzzjonijiet dwar is-servizz futur, il-benefiċċju ekonomiku disponibbli bħala tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet futuri jkun it-total ta':

(a) kwalunkwe ammont li jnaqqas il-kontribuzzjonijiet minimi tar-rekwiżit ta' finanzjament minimu għas-servizz futur minħabba li l-entità għamlet prepagament (i.e. ħallset l-ammont qabel ma nhtieġet tagħmel hekk); u wkoll

(b) il-kost stmat tas-servizz futur f'kull perjodu skont il-paragrafi 16 u 17 nieqes il-kontribuzzjonijiet stmati tar-rekwiżit ta' finanzjament minimu li jkunu meħtieġa għas-servizz futur f'dawk il-perjodi jekk ma jkun hemm l-ebda prepagamenti kif deskritt f'(a).

21 Entità għandha tistima l-kontribuzzjonijiet futuri tar-rekwiżit ta' finanzjament minimu għas-servizz futur billi tqis l-effett ta' kwalunkwe bilanċ pożittiv eżistenti ddeterminat bl-użu tal-bażi tal-finanzjament minimu imma bl-eżklużjoni tal-prepagament deskritt fil-paragrafu 20(a). Entità għandha tuża suppożizzjonijiet konsistenti mal-bażi ta' finanzjament minimu u, għal kwalunkwe fattur mhux speċifikat f'dik il-bażi, suppożizzjonijiet konsistenti ma' dawk użati biex jiġi ddeterminat l-obbligu definit tal-benefiċċju u mas-sitwazzjoni eżistenti fit-tmiem tal-perjodu tar-rapportar kif stabbilit mill-IAS 19. L-istima għandha tinkludi kwalunkwe bidla mistennija li tirriżulta meta l-entità tħallas il-kontribuzzjonijiet minimi meta jkunu dovuti. Madankollu, l-istima ma għandhiex tinkludi l-effett tal-bidliet mistennija fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-bażi ta' finanzjament minimu li ma jkunux ippromulgati sostantivament jew miftiehma kuntrattwalment fit-tmiem tal-perjodu ta' rapportar.

22 Meta entita tiddetermina l-ammont deskritt fil-paragrafu 20(b), jekk il-kontribuzzjonijiet futuri tar-rekwiżit ta' finanzjament minimu għas-servizz futur jaqbeż il-kost futur tas-servizz skont l-IAS 19 fi kwalunkwe perjodu partikolari, dak l-eċċess inaqqas l-ammont tal-benefiċċju ekonomiku disponibbli bħala tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet futuri. Madankollu, l-ammont deskritt fil-paragrafu 20(b) ma jista' qatt ikun anqas minn żero.

DATA EFFETTIVA

27B *Prepagamenti ta' Rekwiżit ta' Finanzjament Minimu* żied il-paragrafu 3A u emenda l-paragrafi 16-18 u 20-22. Entità għandha tapplika dawk l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2011 jew wara. Applikazzjoni minn qabel hija permessa. Jekk entità tapplika l-emendi għal perjodu abkar għandha tiżvela dan il-fatt.

TRANŻIZZJONI

29 Entità għandha tapplika l-emendi fil-paragrafi 3A, 16-18 u 20-22 mill-bidu tal-abkar perjodu komparattiv ippreżentat fl-ewwel rapporti finanzjarji fejn l-entità tapplika din l-Interpretazzjoni. Jekk tkun diġà applikat din l-Interpretazzjoni qabel ma tkun applikat l-ementi, l-entità għandha tirrikonoxxi l-aġġustament li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-emendi fil-qligħ imfaddal fil-bidu tal-abkar perjodu komparattiv ippreżentat.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 634/2010

## tad-19 ta' Lulju 2010

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Ricotta di Bufala Campana (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mill-Italja biex id-denominazzjoni "Ricotta di Bufala Campana" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ladarba li ma kien hemm ebda oġġezzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha għalhekk tidħol fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

[2] ĠU C 260, 30.10.2009, p. 43.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-ikel mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.4. Prodotti oħra ta' oriġini mill-annimali (bajd, għasel, prodotti tal-ħalib għajr il-butir, eċċ.)**

L-ITALJA

Ricotta di Bufala Campana (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 635/2010

## tad-19 ta' Lulju 2010

## li jiftaħ il-proċedura għall-allokazzjoni tal-liċenzji ta' esportazzjoni għall-ġobon li għandu jiġi esportat lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2011 taħt ċerti kwoti tal-GATT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), partikolarment l-Artikolu 171(1), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) It-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jistipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ([2]) tistipula li liċenzji ta' esportazzjoni għall-ġobnijiet esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika bħala parti mill-kwoti li jaqgħu taħt il-ftehim deċiż waqt in-negozjati ta' kummerċ multilaterali, jistgħu jiġu allokati skont proċedura speċjali li permezz tagħha importaturi preferuti fl-Istati Uniti jistgħu jiġu nnominati.

(2) Dik il-proċedura għandha tinfetaħ għall-esportazzjoni waqt l-2011 u għandhom jiġu stabbiliti r-regoli addizzjonali relatati magħha.

(3) Fl-amministrazzjoni tal-importazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Uniti tal-Amerika jagħmlu distinzjoni bejn il-kwota addizzjonali mogħtija lill-Komunità Ewropea skont l-Assemblea tal-Urugwaj u l-kwoti li rriżultaw mill-Assemblea ta' Tokjo. Il-liċenzji ta' esportazzjoni għandhom jiġu allokati waqt li titqies l-eliġibbiltà ta' dawk il-prodotti għall-kwota tal-Istati Uniti tal-Amerika kif deskritt fl-Iskema ta' Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika.

(4) Sabiex tiġi esportata l-kwantità massima taħt il-kwoti li għalihom hemm interess moderat, għandhom jiġu permessi l-applikazzjonijiet li jkopru l-kwantità kollha tal-kwota.

(5) Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, għandu jiġi stabbilit li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ma jibqgħux japplikaw fit-tmiem tal-2011.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-liċenzji ta' esportazzjoni għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0406 u huma elenkati fl-Anness I ma' dan ir-Regolament li jkunu se jiġu esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2011 taħt il-kwoti msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 għandhom jiġu ppubblikati skont it-Taqsima 2 tal-Kapitiolu III ta' dak ir-Regolament u bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "l-applikazzjonijiet") għandhom jitressqu għand l-awtoritajiet kompetenti mhux aktar tard mill-1 sal-10 ta' Settembru 2010.

2. L-applikazzjonijiet ikunu ammissibbi biss jekk ikun fihom l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 u jekk ikunu akkumpanjati bid-dokumenti msemmija hemmhekk.

Fejn, għall-istess grupp ta' prodotti msemmi fil-kolonna 2 tal-Anness I ma' dan ir-Regolament, il-kwantità disponibbli hija maqsuma bejn il-kwota tal-Assemblea tal-Urugwaj u l-kwota tal-Assemblea ta' Tokjo, l-applikazzjonijiet tal-liċenzji jistgħu jkopru biss waħda minn dawk il-kwoti u għandhom jindikaw il-kwota konċernata, billi jispeċifikaw l-identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota indikata fil-kolonna 3 ta' dak l-Anness.

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 għandha tiġi ppreżentata skont il-mudell stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

3. Fir-rigward tal-kwoti identifikati minn 22-Tokyo u 22-Urugwaj 25-Tokjo u 25-Urugwaj fil-kolonna 3 tal-Anness I, l-applikazzjonijiet għandhom ikopru tal-anqas 10 tunnellati u m'għandhomx jaqbżu l-kwantità disponibbli taħt il-kwota konċernata kif stipulat fil-kolonna 4 ta' dak l-Anness.

Fir-rigward tal-kwoti l-oħra indikati fil-kolonna 3 tal-Anness I, l-applikazzjonijiet għandhom ikopru tal-anqas 10 tunnellati u mhux aktar minn 40 % tal-kwantità disponibbli taħt il-kwota konċernata kif stipulat f'kolonna 4 ta' dak l-Anness.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 318, 4.12.2009, p. 1.

4. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu ammissibbli biss jekk l-applikanti jiddikjaraw bil-miktub li ma ressqu l-ebda applikazzjoni ohra għall-istess grupp ta' prodotti u l-istess kwota u li jaċċettaw li ma jagħmlux dan.

Jekk applikant iressaq diversi applikazzjonijiet għall-istess grupp ta' prodotti u l-istess kwota ġewwa wieħed jew aktar mill-Istati Membri, l-applikazzjonijiet kollha tiegħu għandhom ikunu meqjusa bħala inammissibbli.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li jispiċċa l-perjodu li fih ikunu jistgħu jitressqu l-applikazzjonijiet, l-applikazzjonijiet imressqa għal kull grupp ta' prodotti u, fejn applikabbli, il-kwoti indikati fl-Anness I.

In-notifiki kollha, inklużi n-notifiki "vojta", għandhom isiru permezz ta' feks jew posta elettronika fuq il-formola mudell li tidher fl-Anness III.

2. In-notifika għandha tinkludi għal kull grupp, u fejn applikabbli, għal kull kwota:

(a) lista ta' applikanti;

(b) il-kwantitajiet li kull applikant ikun applika għalihom, imqassma skont il-kodiċi tal-prodott tan-Nomenklatura Magħquda u skont il-kodiċi tagħhom f'konformità mal-Harmonised Tariff Schedule (l-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati) tal-Istati Uniti tal-Amerika (2010);

(c) l-isem u l-indirizz tal-importatur magħżul mill-applikant.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009, għandha tistabbilixxi l-allokazzjoni tal-liċenzji mingħajr dewmien u għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar dan sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2010.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien ħamest ijiem wara l-pubblikazzjoni tal-koeffiċjenti tal-allokazzjoni, dwar il-kwantitajiet allokati mill-applikant għal kull grupp, u fejn applikabbli, għal kull kwota, skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009.

In-notifiki kollha, għandhom isiru permezz ta' feks jew posta elettronika fuq il-formola mudell stipulata fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

L-informazzjoni notifikata skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 għandha tkun ivverifikata mill-Istati Membri qabel ma jinħarġu l-liċenzji u sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2010.

Jekk jinstab li operatur li nħarġitlu liċenzja provviżorja, ikun ipprovda informazzjoni żbaljata, il-liċenzja għandha titħassar u tintilef il-garanzija. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dan lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Ġobon li għandu jiġi esportat lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2011 li jaqa' taħt ċerti kwoti tal-GATT**

*Taqsima 2 tal-Kapitlu III tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 u r-Regolament (UE) Nru 635/2010*

| L-identifikazzjoni tal-grupp skont in-Noti Addizzjonali f'Kapitlu 4 tal-Iskeda ta' Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti | | L-identifikazzjoni tal-grupp u l-kwota | Il-kwantità disponibbli għall-2011 |
|---|---|---|---|
| Nota lill- | Grupp | | Kg |
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| 16 | Mhux speċifikament ipprovduta għall-(NSPF) | 16-Tokjo | 908 877 |
| | | 16-Urugwaj | 3 446 000 |
| 17 | Blue Mould | 17 | 350 000 |
| 18 | Cheddar | 18 | 1 050 000 |
| 20 | Edam/Gouda | 20 | 1 100 000 |
| 21 | Tip Talian | 21 | 2 025 000 |
| 22 | Ġobon Svizzeru jew Emmenthaler barra dak li jkollu "eye formation" | 22-Tokjo | 393 006 |
| | | 22-Urugwaj | 380 000 |
| 25 | Ġobon Svizzeru jew Emmenthaler li jkollu "eye formation" | 25-Tokjo | 4 003 172 |
| | | 25-Urugwaj | 2 420 000 |

*ANNESS II*

**Preżentazzjoni tal- informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009**

L-identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 635/2010:

L-isem tal-grupp indikat fil-kolonna 2 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 635/2010: ......................................................

..........................................................................................................................................................................................

Oriġini tal-kwota: Assemblea tal-Urugwaj: ☐ Assemblea ta' Tokjo: ☐

| Isem/indirizz tal-applikant | Kodiċi tal-Prodott tan-Nomenklatura Magħquda | Kwantità li saret applikazzjoni għaliha f'kg | Skeda ta' Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika | Isem/indirizz tal-importatur |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | Totali: | | | |

*ANNESS III*

**Preżentazzjoni tal-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 635/2010**

L-identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 635/2010: ☐

L-isem tal-grupp indikat fil-kolonna 2 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 635/2010: ..........................................................

..........................................................................................................................................................................................

Oriġini tal-kwota: Assemblea tal-Urugwaj: ☐ Assemblea ta' Tokjo: ☐

| Nru | Isem/indirizz tal-Applikant | Kodiċi tal-Prodott tan-Nomenklatura Magħquda | Kwantità li saret applikazzjoni għaliha f'kg | Skeda ta' Tariffi Armonizzati tal-kodiċi tal-Istati Uniti tal-Amerika | Isem/indirizz tal-importatur |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Totali: | | | |
| 2 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Totali: | | | |
| 3 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Totali: | | | |
| 4 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Totali: | | | |
| 5 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Totali: | | | |

*ANNESS IV*

**Preżentazzjoni tal-liċenzji mogħtija skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009**

| L-identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 635/2010: | Oriġini tal-kwota: | Isem/indirizz tal-applikant | Kodiċi tal-Prodott tan-Nomenklatura Magħquda | Kwantità li saret applikazzjoni għaliha f'kg | Isem/indirizz tal-importatur | Kwantità Allokata [1] f'kg |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Assemblea tal-Urugwaj ☐ | | | | | |
| | | | | | | |
| | Assemblea ta' Tokjo ☐ | | | | | |
| | | | Totali: | | Totali: | |
| | Assemblea tal-Urugwaj ☐ | | | | | |
| | | | | | | |
| | Assemblea ta' Tokjo ☐ | | | | | |
| | | | Totali: | | Totali: | |
| | Assemblea tal-Urugwaj ☐ | | | | | |
| | | | | | | |
| | Assemblea ta' Tokjo ☐ | | | | | |
| | | | Totali: | | Totali: | |

(1) Il-kwantitajiet allokati bix-xorti se jitqassmu bejn il-kodiċi NM individwali f'proporzjon mal-kwantitajiet tal-prodotti bil-kodiċi NM li saret applikazzjoni għalihom.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 636/2010**

**tad-19 ta' Lulju 2010**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 22,1 |
| | TR | 89,8 |
| | ZZ | 56,0 |
| 0707 00 05 | MK | 41,0 |
| | TR | 105,8 |
| | ZZ | 73,4 |
| 0709 90 70 | TR | 92,6 |
| | ZZ | 92,6 |
| 0805 50 10 | AR | 86,4 |
| | UY | 57,6 |
| | ZA | 86,4 |
| | ZZ | 76,8 |
| 0808 10 80 | AR | 78,8 |
| | BR | 80,2 |
| | CL | 75,9 |
| | CN | 80,8 |
| | NZ | 109,5 |
| | US | 107,2 |
| | UY | 116,3 |
| | ZA | 95,0 |
| | ZZ | 93,0 |
| 0808 20 50 | AR | 76,4 |
| | CL | 121,8 |
| | CN | 98,4 |
| | NZ | 176,5 |
| | ZA | 93,1 |
| | ZZ | 113,2 |
| 0809 10 00 | TR | 193,7 |
| | ZZ | 193,7 |
| 0809 20 95 | CL | 150,0 |
| | TR | 270,8 |
| | US | 769,6 |
| | ZZ | 396,8 |
| 0809 30 | AR | 130,0 |
| | TR | 158,7 |
| | ZZ | 144,4 |
| 0809 40 05 | BR | 123,2 |
| | IL | 165,9 |
| | TR | 126,3 |
| | ZZ | 138,5 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 637/2010

## tad-19 ta' Lulju 2010

## li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ("ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS") ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jamministra ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwantitajiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa lill-awtoritajiet kompetenti mill-1 sas-7 ta' Lulju 2010 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 huma daqs il-kwantità disponibbli skont is-serje li ġġib in-numru tal-ordni 09.4325.

(2) It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji għan-numru tal-ordni 09.4325 għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji, li jikkorrispondu man-numri tas-serje mogħtija fl-Anness, għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq 2009/2010.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.

*ANNESS*

**“Il-konċessjonijiet taz-zokkor tal-iskeda bin-numru CXL”**

**Is-sena tas-suq 2009/2010**

**Applikazzjonijiet li tressqu mill-1.7.2010 sas-7.7.2010**

| In-numru tas-serje | Il-pajjiż | Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal) | Iktar applikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 09.4317 | L-Awstralja | — | |
| 09.4318 | Il-Brażil | — | |
| 09.4319 | Kuba | — | Sospiżi |
| 09.4320 | Kwalunkwe pajjiż terz | — | Sospiżi |
| 09.4321 | L-Indja | — | Sospiżi |

“—”: Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

**“Iz-zokkor mill-Balkani”**

**Is-sena tas-suq 2009/2010**

**Applikazzjonijiet li tressqu mill-1.7.2010 sas-7.7.2010**

| In-numru tas-serje | Il-pajjiż | Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal) | Iktar applikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 09.4324 | L-Albanija | — | |
| 09.4325 | Il-Bożnija u Ħerzegovina | (1) | |
| 09.4326 | Is-Serbja, il-Montenegro u l-Kosovo (*) | (1) | |
| 09.4327 | L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | — | |
| 09.4328 | Il-Kroazja | (1) | |

“—”: Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

(*) Il-Kosovo taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti, skont ir-Riżoluzzjoni Nru 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

(1) Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbżux il-kwantitajiet disponibbli u qed jingħataw kollha.

**“Iz-zokkor għall-importazzjoni eċċezzjonali u dak għall-importazzjoni industrijali”**

**Is-sena tas-suq 2009/2010**

**Applikazzjonijiet li tressqu mill-1.7.2010 sas-7.7.2010**

| In-numru tas-serje | It-tip | Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal) | Iktar applikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 09.4380 | Eċċezzjonali | — | |
| 09.4390 | Industrijali | — | |

“—”: Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 638/2010

## tad-19 ta' Lulju 2010

## dwar il-kwistjoni tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet li tressqu fl-ewwel 7 ijiem ta' Lulju 2010 skont il-kwota tariffarja għaċ-ċanga ta' kwalità għolja amministrata mir-Regolament (KE) Nru 620/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 620/2009 tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2009 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni għaċ-ċanga ta' kwalità għolja ([3]) jistipula regoli dettaljati għat-tressiq u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni.

(2) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jipprovdi li, f'każijiet fejn il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu tal-kwota, il-koeffiċjenti tal-allokazzjoni għandhom ikunu ffissati għall-kwantitajiet koperti minn kull applikazzjoni għal-liċenzja. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni li tressqu skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 620/2009 bejn l-1 u s-7 ta' Lulju 2010 jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, għandhom ikunu deċiżi l-estent li bih jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni u l-koeffiċjent tal-allokazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni koperti mill-kwota li ġġib in-numru tas-serje 09.4449 u li tressqu bejn l-1 u s-7 ta' Lulju 2010 skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 620/2009, għandhom jiġu mmultiplikati b'koeffiċjent tal-allokazzjoni ta' 63,674825 %.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 182, 15.7.2009, p. 25.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 639/2010

## tad-19 ta' Lulju 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 627/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 182, 16.7.2010, p. 12.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-20 ta' Lulju 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 41,21 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 41,21 | 2,54 |
| 1701 12 10 (1) | 41,21 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 41,21 | 2,24 |
| 1701 91 00 (2) | 40,09 | 5,44 |
| 1701 99 10 (2) | 40,09 | 2,31 |
| 1701 99 90 (2) | 40,09 | 2,31 |
| 1702 90 95 (3) | 0,40 | 0,28 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

**tat-8 ta' Lulju 2010**

**li taħtar imħallfin fil-Qorti Ġenerali**

(2010/400/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, huwa meħtieġ li jkun hemm tiġdid parzjali tal-imħallfin tal-Qorti Ġenerali kull tliet snin. Għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2016, kellhom jinħatru 14-il imħallef fil-Qorti Ġenerali.

(2) Fit-23 ta' Ġunju 2010, il-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatret 10 imħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu msemmi hawn fuq ([1]).

(3) Biex ikun komplut it-tiġdid parzjali tal-imħallfin, il-Gvernijiet tal-Istati Membri għadhom iridu jipproċedu għall-ħatra ta' mħallfin għall-erba' postijiet vakanti li għad fadal.

(4) Il-Gvernijiet tal-Istati Membri kkonċernati pproponew rispettivament it-tiġdid tal-mandat ta' mħallef tas-Sur Ottó CZÚCZ, kif ukoll il-ħatra tas-Sur Marc van der WOUDE. Il-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-adegwatezza ta' dawn iż-żewġ kandidati għall-qadi tal-funzjonijiet ta' mħallef fil-Qorti Ġenerali. Filwaqt li l-kandidatura tas-Sur Ottó CZÚCZ ġiet irtirata, il-Gvern tal-Istat Membru kkonċernat indika li huwa ppropona lil din il-personalità għal mandat ġdid ta' imħallef fil-Qorti Ġenerali.

(5) Għaldaqstant huwa meħtieġa li jinħatru żewġ membri fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2016; il-ħatra tal-imħallfin għaż-żewġ postijiet battala li għad fadal ser isseħħ aktar tard,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Ottó CZÚCZ u s-Sur Marc van der WOUDE huma maħturin bħala mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2016.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. DE RUYT

([1]) Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tat-23 ta' Ġunju 2010 li taħtar imħallfin fil-Qorti Ġenerali, ĠU L 163, 30.6.2010, p. 41.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Lulju 2010

## dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv f'Ċipru

(2010/401/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula minn Ċipru,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kondizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) skont l-Artikolu 126 tat-Trattat, kif iċċarata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir), tipprevedi deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness għat-Trattat jistipula dispożizzjonijiet ulterjuri relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistipula definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' dan il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tissalvagwardja s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Hija kellha l-għan li tiżgura li, b'mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju jiġi kkunsidrat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-linji politiċi tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn pożizzjonijiet baġitarji sodi filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ekonomika.

(5) L-Artikolu 126(5) tat-Trattat jeħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni tqis li jeżisti jew li jista' jinqala' żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Wara li qieset ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3) u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 126(4), il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti żbilanċ eċċessiv f'Ċipru. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat tali opinjoni lill-Kunsill fir-rigward ta' Ċipru fil-15 ta' Ġunju 2010 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara valutazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ ta' Ċipru, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet li ġejjin.

(7) Skont id-data nnotifikata mill-awtoritajiet Ċiprijotti f'April 2010, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern f'Ċipru laħaq 6,1 % tal-PDG fl-2009, għalhekk qabeż il-valur ta' referenza ta' 3% tal-PDG. L-iżbilanċ ma kienx qrib tal-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG iżda l-eċċess 'il fuq mill-valur ta' referenza jista' jiġi kkwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, dan jirriżulta minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, il-PDG reali f'Ċipru huwa pproġettat li ser ikompli jonqos, minkejja li b'livell aktar baxx, b'madwar ½ % fl-2010 maqqabel ma' 1¾ % fl-2009. Madankollu, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jistax jitqies bħala temporanju. Skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, l-iżbilanċ baġitarju huwa pproġettat li jilħaq madwar 7¾ % tal-PDG fl-2011 fuq suppożizzjoni ta' ebda tibdil fil-politika. Il-kriterju tal-iżbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(1) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
(2) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
(3) Id-dokumenti kollha marbuta mal-PŻE għal Ċipru jinsabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/deficit/countries/index_en.htm

(8) Skont id-data nnotifikata mill-awtoritajiet Ċiprijotti f'April 2010, id-dejn gross ġenerali tal-gvern għadu taħt il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG u kien 56, 2 % tal-PDG fl-2009. Għall-2010, Ċipru nnotifika dejn ippjanat ta' 62 % tal-PDG, li għalhekk jaqbeż il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG skont it-Trattat. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010 jipproġetta li d-dejn se jkompli jiżdied għal 62,3 % tal-PDG fl-2010 u għal 67,6 fl-2011 minħabba bilanċ primarju deterjorat. Fid-dawl ta' dawn ix-xejriet, il-proporzjon tad-dejn ma jistax jitqies bħala wieħed li qed jonqos b'mod suffiċjenti u li qed joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-kriterju tad-dejn fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-"fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) jekk il-kondizzjoni doppja - li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu 'l fuq mill-valur ta' referenza jkun temporanju - tiġi ssodisfata għal kollox. Fil-każ ta' Ċipru, din il-kondizzjoni doppja ma ntlaħqitx. Għalhekk, il-fatturi rilevanti mhumiex qed jitqiesu fil-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv f'Ċipru.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. REYNDERS

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-15 ta' Diċembru 2009**

**dwar miżura ta' għajnuna li l-Pajjiżi l-Baxxi qed jipproponu li jimplimentaw, li permezz tagħha tingħata eżenzjoni minn taxxa ambjentali lill-produtturi taċ-ċeramika C 5/09 (ex N 210/08)**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9972)*

**(It-test bl-Olandiż biss hu awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/402/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel sotto-paragrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont dik id-dispożizzjoni [1], u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

## I. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra datata l-24 ta' April 2008, il-Pajjiżi l-Baxxi nnotifikaw pjan biex jiġu eżentati l-prodotti taċ-ċeramika mit-taxxa tal-enerġija fuq il-gass naturali. Fis-6 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni talbet iżjed informazzjoni; il-Pajjiżi l-Baxxi wieġbu permezz ta' ittra datata s-16 ta' Settembru 2008. Saret laqgħa bejn il-persunal tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-Pajjiżi l-Baxxi fis-16 ta' Ottubru 2008. Fis-17 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni għamlet numru ta' mistoqsijiet oħra; il-Pajjiżi l-Baxxi wieġbu permezz ta' ittra datata d-19 ta' Diċembru 2008.

(2) Permezz ta' ittra datata l-11 ta' Frar 2009, il-Kummissjoni nfurmat lill-Pajjiżi l-Baxxi li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFEU") fir-rigward tal-għajnuna [2].

(3) Fil-25 ta' April 2009, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [3]. Il-Kummissjoni talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura.

(4) Fis-26 ta' Mejju 2009, il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom dwar id-deċiżjoni għall-bidu tal-proċedura.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti minn partijiet interessati oħra. Għaddiethom lill-Pajjiżi l-Baxxi, u tathom l-opportunità li jirreaġixxu; il-Pajjiżi l-Baxxi wieġbu permezz ta' ittra datata s-7 ta' Lulju 2009.

(6) Fis-7 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni kitbet lill-Pajjiżi l-Baxxi sabiex tiċċara l-istat proċedurali tal-każ, u b'turija ta' rispett talbet lill-Pajjiżi l-Baxxi biex sat-13 ta' Ottubru 2009 jissottomettu kwalunkwe osservazzjonijiet li xtaqu li l-Kummissjoni tikkunsidra qabel ma tieħu d-deċiżjoni finali tagħha.

(7) Il-Pajjiżi l-Baxxi talbu għal iżjed żmien, u permezz ta' ittra datata s-16 ta' Ottubru 2009, il-limitu ta' żmien ġie pospost sal-1 ta' Novembru 2009. Il-Pajjiżi l-Baxxi wieġbu permezz ta' ittra tat-30 ta' Ottubru 2009.

## II. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA

(8) Il-Pajjiżi l-Baxxi jintaxxaw il-konsum tal-prodotti tal-enerġija skont l-Att dwar it-Taxxi Ambjentali [4], li bih tiġi applikata rata digressiva bbażata fuq il-livell ta' konsum tan-negozju [5].

---

[1] ĠU C 96, 25.4.2009, p. 16.

[2] Mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 101 u 102 tat-TFEU. Is-sostanza taż-żewġ Artikoli ma ġietx mibdula. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 TFEU għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE fejn applikabbli.

[3] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

[4] Hemm provviżjoni għat-taxxa fuq l-enerġija fl-Att dwar it-Taxxi Ambjentali *(Wet belastingen op milieugrondslag)* mill-1 ta' Jannar 1996, u din titħallas fuq gass naturali, elettriku u żjut minerali. Ir-rati huma stabbiliti f'termini tal-ammonti ta' enerġija użati.

[5] Il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew dawn ir-rati għat-taxxa fuq l-enerġija fuq il-gass naturali kkunsmat minn produttur tal-briks rappreżentattiv fil-Pajjiżi l-Baxxi (dejta tal-2009): 0–5 000 $m^3$: 0,1580 EUR/$m^3$; 5 000–170 000 $m^3$: 0,1385 EUR/$m^3$; 170 000–1 000 000 $m^3$: 0,0384 EUR/$m^3$; 1 000 000–10 000 000 $m^3$: 0,0122 EUR/$m^3$; > 10 000 000 $m^3$: 0,0080 EUR/$m^3$.

(9) Skont il-miżura tal-għajnuna in kwistjoni, il-Pajjiżi l-Baxxi jagħtu eżenzjoni mit-taxxa għall-kunsinna tal-gass naturali użati f'impjanti għall-produzzjoni ta' prodotti taċ-ċeramika. L-eżenzjoni proposta tapplika biss għall-gass naturali użat għal skopijiet ta' produzzjoni mill-industrija taċ-ċeramika Olandiża, u mhux għall-gass użat għal proċessi mineraloġiċi oħra mwettqa mill-Pajjiżi l-Baxxi ([6]).

(10) L–eżenzjoni proposta għandha tiġi introdotta permezz ta' emenda għall-Att dwar it-Taxxi Ambjentali preżentament fis-seħħ.

(11) Skont in-notifika, il-baġit għas-snin 2008-2013 jammonta għal EUR 4 miljun fis-sena.

(12) Id-dewmien tal-miżura m'għandux limitu, għax il-Pajjiżi l-Baxxi jqisu li din ma tagħtix lok għal għajnuna mill-istat (ara wkoll it-taqsima IV hawn taħt).

(13) Il-benefiċjarji tal-miżura jkunu impriżi li joperaw fl-industrija taċ-ċeramika fil-Pajjiżi l-Baxxi ([7]).

(14) Il-Pajjiżi l-Baxxi jqisu li l-eżenzjoni hi meħtieġa sabiex jerġgħu jiksbu pożizzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi għall-industrija taċ-ċeramika Olandiża fis-suq intern. Il-Pajjiżi l-Baxxi jirreferu għall-pożizzjoni unika tas-settur Olandiż taċ-ċeramika meta mqabbla mal-pożizzjoni tal-kompetituri fil-pajjiżi ġirien. Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, l-industrija taċ-ċeramika Olandiża tagħmel użu minn tafal niedi, meta mqabbel mat-tafal niexef użat fil-pajjiżi tal-madwar, u t-tafal niedi jirrikjedi iżjed enerġija biex jinkiseb l-istess riżultat aħħari. Barra minn hekk, il-Pajjiżi l-Baxxi jargumentaw li l-produtturi li jikkompetu fil-Belġju, il-Ġermanja jew l-Iżvezja, ngħidu aħna, huma eżentati minn kwalunkwe taxxa simili fuq l-enerġija.

(15) Il-Pajjiżi l-Baxxi kkonfermaw li l-miżura se tidħol fis-seħħ biss meta tkun ġiet awtorizzata mill-Kummissjoni.

## III. ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

(16) Il-Kummissjoni kellha d-dubji dwar jekk l-għajnuna proposta kinetx kompatibbli mas-suq intern, għax kienet tal-fehma preliminari li l-eżenzjoni mit-taxxa għall-industrija taċ-ċeramika Olandiża ma kinetx ġustifikata min-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa nazzjonali. Il-miżura kienet selettiva, għax l-industrija taċ-ċeramika fil-Pajjiżi l-Baxxi biss kienet se tgawdi minnha, u l-eżenzjoni kienet tiġi finanzjata mir-riżorsi tal-istat. Barra minn hekk, il-miżura kienet tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni, u affetwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri, għax l-eżenzjoni mit-taxxa proposta kien ikollha impatt dirett fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni u għaldaqstant kienet ittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tar-reċipjenti fis-swieq tal-prodotti taċ-ċeramika rilevanti minn fejn joperaw, li kienu miftuħa għall-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-miżura kienet se tagħti għajnuna mill-istat lill-industrija taċ-ċeramika Olandiża, u kkonkludiet li din l-għajnuna setgħet tiġi approvata biss jekk kienet tissodisfa t-testijiet fil-Kapitolu 4 ("għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali") tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali (minn hawn 'il quddiem "il-linji gwida ambjentali" jew "il-linji gwida") ([8]). Peress li l-Pajjiżi l-Baxxi ma kienux provdew l-informazzjoni meħtieġa għal evalwazzjoni fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonferma li l-miżura kienet kompatibbli, u għaldaqstant iddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali.

## IV. OSSERVAZZJONIJIET SOTTOMESSI MILL-PAJJIŻI L-BAXXI

(17) Il-Pajjiżi l-Baxxi qalu li kienu qed jinnotifikaw il-każ primarjament għall-finijiet taċ-ċertezza legali, u talbu lill-Kummissjoni biex tiddeċiedi li ma kienet involuta l-ebda għajnuna mill-istat.

(18) Il-Pajjiżi l-Baxxi kienu tal-fehma li l-karattru selettiv tal-eżenzjoni kien ġustifikat minħabba n-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa nazzjonali.

(19) L-għan tat-taxxa fuq l-enerġija kien li jiġu ntaxxati prodotti tal-elettriku u tal-enerġija li kienu jintużaw bħala karburant tat-tisħin jew karburant tal-magni. Għaldaqstant, li tiġi nkluża eżenzjoni fis-sistema tat-taxxa fuq l-enerġija għal proċess li fih il-gass naturali ma kienx użat bħala karburant tat-tisħin jew tal-magni, kien skont in-natura u l-istruttura ġenerali tal-qafas ta' referenza sottostanti, jiġifieri l-iskema tat-tassazzjoni fuq l-enerġija fis-seħħ. Il-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa fuq l-enerġija teżenta l-kunsinna tal-gass naturali użat għal skopijiet oħra minbarra bħala karburant ([9]). Il-kunsinna tal-elettriku għal proċessi li fihom kellu użu doppju, pereżempju

([6]) "Proċessi mineraloġiċi" hawn tfisser il-proċessi li skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1) huma klassifikati taħt il-kodiċi DI 26 tan-nomenklatura NACE, "manifattura ta' prodotti minerali oħra mhux metalliċi". Minbarra l-proċess taċ-ċeramika, dawn il-proċessi jinkludu pereżempju l-produzzjoni tal-ħġieġ jew tas-siment.

([7]) Il-Pajjiżi l-Baxxi jirrapportaw li l-industrija taċ-ċeramika fil-Pajjiżi l-Baxxi hi magħmula l-iżjed minn kumpaniji fuq skala kbira, kultant multi-nazzjonali, bi dħul totali stmat ta' madwar EUR650-700 miljun u forza tax-xogħol ta' madwar 3 000 (fl-2008). Hemm iżjed minn 60 post tal-produzzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-prodotti jinkludu briks, madum tal-bejt, madum taċ-ċeramika tal-ħajt u tal-art, prodotti sanitarji, prodotti dekorattivi tal-fuħħar u tal-porċellana, u briks reżistenti għan-nar għal applikazzjonijiet fl-industrija tal-azzar u tal-aluminju. Ħafna postijiet tal-produzzjoni jinsabu fir-reġjuni li jmissu mal-Ġermanja u l-Belġju, u parti kbira minnhom jappartjenu għal gruppi industrijali b'fergħat f'pajjiżi oħra Ewropej.

([8]) ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1.

([9]) L-Artikolu 64(4) tal-Att dwar it-Taxxi Ambjentali.

għal tnaqqis kimiku u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, kienet bl-istess mod eżentatat mit-taxxa fuq l-enerġija ([10]). Fil-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa fuq il-faħam, ukoll, kien hemm eżenzjoni għall-faħam użat għal skopijiet oħra minbarra bħala karburant u għall-faħam b'użu doppju ([11]). Kien xieraq li tiġi miżjuda eżenzjoni mit-taxxa għall-kunsinna tal-gass naturali użat f'impjanti għall-produzzjoni ta' prodotti taċ-ċeramika. Il-proċess taċ-ċeramika kien komparabbli ma' proċess b'użu doppju, għax il-gass naturali ma kienx qed jintuża biss bħala karburant tat-tisħin jew karburant tal-magni. Il-Pajjiżi l-Baxxi ndikaw li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kunsinna tal-gass naturali użat f'impjanti għall-produzzjoni ta' prodotti taċ-ċeramika kellha tiġi nkluża f'verżjoni emendata tal-Artikolu 64 tal-Att dwar it-Taxxi Ambjentali, li kienet id-dispożizzjoni li teżenta forom oħra ta' użu doppju.

(20) Il-Pajjiżi l-Baxxi rreferew għall-Artikolu 2(4)(b) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija, u għall-minuti tal-Kunsill dwar dik id-Direttiva ([12]), u sottomettiet li dan kien skont in-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-tassazzjoni tal-enerġija Olandiża biex iżżid dispożizzjoni li tagħti eżenzjoni għall-kunsinna tal-gass naturali użat għall-proċess mineraloġiku kkonċernat hawnhekk, jiġifieri l-produzzjoni taċ-ċeramika.

(21) Kien xieraq li jiġu eżentati biss proċessi taċ-ċeramika, u mhux il-proċessi mineraloġiċi kollha, għax kuntrarju għall-proċessi mineraloġiċi oħra, il-proċess ċeramiku tradizzjonali huwa rriversibbli (it-tafal jiġi mibdul f'ċeramika).

(22) Barra minn hekk il-Pajjiżi l-Baxxi rreferew għall-pożizzjoni unika tal-industrija taċ-ċeramika Olandiża mqabbla mal-pożizzjoni tal-kompetituri fil-pajjiżi tal-madwar. Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha, l-industrija taċ-ċeramika Olandiża tagħmel użu minn tafal niedi (li joriġina fl-Alpi u li jiġi depożitat fix-xmajjar fil-Pajjiżi l-Baxxi), kuntrarju għat-tafal xott użat fil-pajjiżi tal-madwar, u t-tafal niedi jirrikjedi iżjed enerġija biex jinkiseb l-istess riżultat aħħari ([13]).

(23) Barra minn hekk, prodotturi li jikkompetu fil-Belġju, il-Ġermanja jew l-Iżvezja, pereżempju, kienu eżenti minn kwalunkwe taxxa fuq l-enerġija simili. U l-prezzijiet għall-użu tal-gass naturali fil-Pajjiżi l-Baxxi kienu għolja. Hekk ukoll, l-industrija taċ-ċeramika Olandiża kienet fi żvantaġġ meta mqabbla mal-produzzjoni taċ-ċeramika f'pajjiżi ġirien.

(24) Fil-fehma tal-Pajjiżi l-Baxxi, dawn il-fatturi juru li s-selettività tal-miżura kienet ġustifikata fuq il-bażi tan-natura u l-istruttura ġenerali tal-iskema Olandiża tat-taxxa fuq l-enerġija. Il-Pajjiżi l-Baxxi għaldaqstant iqisu li l-eżenzjoni mit-taxxa ma tikkostitwixxix għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFEU.

(25) L-eżenzjoni mit-taxxa proposta telimina l-iżvantaġġ lill-industrija taċ-ċeramika Daniża sa ċertu punt, biex b'hekk parzjalment iġġib lura kundizzjonijiet ekwi għall-industrija fis-suq intern.

(26) Bħala alternattiva, il-Pajjiżi l-Baxxi talbu lill-Kummissjoni biex tawtorizza l-għajnuna fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) TFEU. L-għajnuna kienet meħtieġa minħabba t-termini mhux ugwali tal-kompetizzjoni fis-suq intern. Kienet proporzjonali, għax il-miżura tapplika biss għall-gass naturali użat fl-impjanti, u mhux għall-elettriku użat fil-produzzjoni ta' prodotti taċ-ċeramika. Kienet tpaċi biss parti mill-iżvantaġġ lill-industrija, u b'konsegwenza kellha titqies proporzjonali. Finalment, ma kinetx twassal għal tfixkil tal-kompetizzjoni inkompatibbli fis-suq intern.

(27) Barra minn hekk, il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew li d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija ma kinetx tapplika għal proċessi mineraloġiċi, għax kienet konformi man-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa sabiex teskludi l-proċessi mineraloġiċi mill-ambitu tad-Direttiva. L-Istati Membri kienu għaldaqstant liberi li jiddeċiedu jekk jintaxxawx jew lew dawn il-forom ta' użu tal-enerġija. Il-miżura proposta ma tirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni, iżda pjuttost f'iżjed armonizzazzjoni tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija, u kienet tkun fl-interess tal-Komunità.

## V. OSSERVAZZJONIJIET SOTTOMESSI MINN PARTIJIET INTERESSATI

(28) L-osservazzjonijiet dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġew sottomessi minn organizzazzjoni tal-kummerċ, il-VKO *(Stichting Verenigde Keramische Organisaties)*. Il-VKO kienet wkoll tal-fehma bħal Pajjiżi l-Baxxi li l-eżenzjoni mit-taxxa kienet ġustifikata bin-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa nazzjonali, u li konsegwentement il-miżura ma kinetx għajnuna mill-istat. Il-kummenti tal-VKO kienu simili għal dawk tal-Pajjiżi l-Baxxi. Bħal Pajjiżi l-Baxxi, il-VKO kienet tqis li

([10]) L-Artikolu 64(3) tal-Att dwar it-Taxxi Ambjentali.

([11]) L-Artikolu 44(1) u (3) tal-Att dwar it-Taxxi Ambjentali. Skont l-Artikolu 2(4)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirristruttura l-qafas tal-Komunità għat-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51, "id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija"), il-faħam għandu "użu doppju" meta jintuża kemm bħala karburant tat-tisħin u għal skopijiet oħra minbarra bħala karburant tal-magni u karburant tat-tisħin.

([12]) Dokument tal-Kunsill 8084/03 ADD 1 Fisc 59, 3 ta' April 2003.

([13]) Parti interessata, il-VKO (ara wkoll it-Taqsima V isfel), qalet li l-produzzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi kienet ibbażata kompletament fuq l-ipproċessar tat-tafal niedi. It-tibdil tat-tafal niedi b'tafal niexef minn barra l-pajjiż ma kienetx possibbiltà reali, anke jekk l-effetti ambjentali tat-trasportazzjoni tat-tafal kellhom jiġu injorati. Il-VKO kkonfermat li minħabba l-pożizzjoni ġeografika speċifika, il-produzzjoni taċ-ċeramika kellha bżonn iżjed enerġija fil-Pajjiżi l-Baxxi milli fil-pajjiżi tal-madwar.

l-eżenzjoni mit-taxxa ma setgħetx titqies bħala miżura ambjentali, għax ma kinetx issegwi għan ambjentali. Għaldaqstant, ma kienx ikun ġust li l-miżura tiġi ġġudikata fuq il-bażi tal-linji gwida tal-għajnuna ambjentali.

## VI. **EVALWAZZJONI**

*EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA*

(29) L-Artikolu 107(1) TFEU jiddikjara li "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

VANTAĠĠ

(30) Fil-fehma tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-miżura ma tagħti l-ebda vantaġġ, iżda minflok tpaċi żvantaġġ għall-industrija taċ-ċeramika Olandiża.

(31) Il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-eżenzjoni mit-taxxa tagħti vantaġġ lill-impriżi li joperaw fl-industrija taċ-ċeramika fil-Pajjiżi l-Baxxi, li jgawdu mit-tneħħija tat-taxxa għax dan inaqqas it-tariffi li kieku jkunu nklużi fl-ispejjeż operattivi tagħhom ([14]).

RIŻORSI TAL-ISTAT U IMPUTABBILTÀ LEJN L-ISTAT

(32) Il-Pajjiżi l-Baxxi jqisu li l-miżura mhux se tiġi finanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat, għax il-finanzjament tal-eżenzjoni hu newtrali għall-baġit ([15]) Għaldaqstant l-ebda riżorsi tal-istat ma huma se jkunu nvoluti. Il-VKO kellha argument simili.

(33) Il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-miżura tikkonċerna benefiċċju tat-taxxa li jkun finanzjat mill-Istat Olandiż, u b'hekk riżorsi tal-Istat jiġu ċeduti. Fi kliem ieħor, l-eżenzjoni mit-taxxa proposta twassal f'telf fil-qligħ mit-taxxa għall-Istat Olandiż. Anke kieku l-finanzjament tal-eżenzjoni kien fil-fatt se jiġi paċut indirettament minn rata miżjuda ta' taxxa tal-enerġija fuq il-gass naturali fl-ogħla faxx, dik il-konklużjoni tibqa' ma tinbidilx. Il-Kummissjoni tosserva li l-Pajjiżi l-Baxxi rrikonoxxew li, meta mqabbla mas-sistema tat-taxxa attwali, il-miżura tagħti lok għal vantaġġ ta' madwar EUR4 miljun fis-sena, mingħajr ebda quid pro quo min-naħa tar-reċipjenti ([16]). Il-miżura proposta hi imputabbli lill-Pajjiżi l-Baxxi, għax tiġi direttament minn emenda fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ.

SELETTIVITÀ

(34) L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija jiddikjara li d-Direttiva ma tapplikax għall-konsum tal-enerġija fi proċessi mineraloġiċi u għal ċerti użi oħra ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku; għaldaqstant, hu f'idejn l-Istat Membru li jiddeċiedi jekk jintaxxax jew le dawn il-proċessi u jekk iva, jekk jintaxxahomx kollha jew parti minnhom biss. Irrispettivament mid-Direttiva, madankollu, l-Istati Membri huma fi kwalunkwe każ marbuta mill-*acquis* Komunitarju fi kwistjonijiet ta' għajnuna mill-istat. Dan ifissser li s-selettività tal-miżura in kwistjoni, u għaldaqstant l-eżistenza tal-għajnuna mill-istat, għandhom jiġu evalwati b'referenza għas-sistema tat-taxxa fuq l-enerġija domestika.

(35) Teżisti każistika riċenti dwar l-interpretazzjoni tas-selettività. Is-sentenza ta' *Gibraltar* aċċettat analiżi ta' għajnuna mill-istat standard għal każijiet ta' taxxa ([17]). Il-Qorti qalet li kellu jkun hemm analiżi li tikkonsisti f': (i) speċifikazzjoni tal-qafas ta' referenza, (ii) speċifikazzjoni tad-deroga minn dak il-kwadru ta' referenza, u (iii) speċifikazzjoni ta' jekk id-deroga kinetx ġustifikata min-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema (jiġifieri jekk id-deroga kinetx ġejja direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida tas-sistema tat-taxxa fl-Istat Membru kkonċernat).

(36) Il-Pajjiżi l-Baxxi spjegaw li s-sistema Olandiża tat-taxxa fuq l-enerġija – li hi qafas ta' referenza – għandha bħala għan it-tassazzjoni tal-elettriku u tal-prodotti tal-enerġija li jintużaw bħala karburant tat-tisħin jew karburant tal-magni. Il-Pajjiżi l-Baxxi għaldaqstant iqisu li hu konformi man-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema Olandiża tat-taxxa fuq l-enerġija li ċerti tipi ta' użu għandhom ikunu eżentati mit-tassazzjoni, kif diġà spjegat fil-premessa 19. Skont il-Pajjiżi l-Baxxi, l-eżenzjoni addizzjonali li issa qed tiġi introdotta għall-proċessi taċ-ċeramika taqa' taħt din l-iskema ġenerali.

(37) Barra minn hekk il-Pajjiżi l-Baxxi jargumentaw li t-tluq mill-qafas ta' referenza, i.e. it-trattament tat-taxxa differenti li jibbenefika l-industrija taċ-ċeramika, hu ġustifikat bid-distinzjoni oġġettiva bejn il-materja prima li tintuża għall-produzzjoni tal-prodotti taċ-ċeramika u l-materjal li jintuża fi proċessi mineraloġiċi oħra. Kuntrarju għal proċessi mineraloġiċi oħra, il-proċess tradizzjonali taċ-ċeramika hu irriversibbli.

([14]) Ara d-Deċiżjoni dwar il-miżura tal-għajnuna mill-istat N 820/06, 7 ta' Frar 2007, Taqsima 4.

([15]) Il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-emenda parlamentari li tipprovdi għal din l-eżenzjoni mit-taxxa jiddikjara li l-eżenzjoni għandha tiġi ffinanzjata billi tiżdied ir-rata tat-taxxa tal-enerġija fuq il-gass naturali fl-ogħla faxx b'EUR0,08.

([16]) L-Anness 1 tan-Notifika.

([17]) Sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza fil-Każijiet Konġunti T-211/04 u T-215/04 *Gibraltar*, 18 ta' Diċembru 2008, li għadhom ma ġewx irrappurtati (tressaq appell kontra s-sentenza, iżda dan ma jikkonċernax il-passi fl-analiżi tal-għajnuna mill-istat standard segwita qabel).

(38) Din mhix l-ewwel darba li l-Kummissjoni evalwat eżenzjonijiet minn taxxi fuq l-enerġija għal proċessi mineraloġiċi: notevolment għamlet dan fid-Deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Frar 2007 fil-każ N 820/06 dwar eżenzjonijiet mit-taxxa għal ċerti proċessi tal-enerġija intensiva fil-Ġermanja. Il-Kummissjoni kienet hemm iddeċidiet li l-miżura ma kinetx tikkostitwixxi għajnuna mill-istat. Eżaminat partikolarment il-loġika interna tas-sistema Ġermaniża tat-tassazzjoni tal-enerġija, li kienet konformi mal-approċċ meħud fid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija li l-karburant ikun intaxxat biss meta jintuża bħala karburant tat-tisħin jew tal-magni. Il-Ġermanja konsistentament eżentat l-użu doppju kollu u kwalunkwe proċessi mineraloġiċi li setgħu jitħaddmu koperti mid-Direttiva, u għaldaqstant segwiet l-istess approċċ fis-sistema tagħha tat-taxxa fuq l-enerġija. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-eżenzjoni mit-taxxa kienet konformi man-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema nazzjonali tat-taxxa fuq l-enerġija.

(39) L-eżenzjoni mit-taxxa hawn innotifikata tapplika biss għall-industrija taċ-ċeramika Olandiża, u kuntrarju għall-miżura Ġermaniża ma tkoprix il-proċessi mineraloġiċi kollha; il-Kummissjoni mhix sodisfatta, għaldaqstant, li l-eżenzjoni proposta ġejja direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida tas-sistema Olandiża tat-taxxa fuq l-enerġija. Il-Pajjiżi l-Baxxi u l-VKO jargumentaw li hemm distinzjoni oġġettiva bejn il-materja prima li tintuża għall-produzzjoni taċ-ċeramika u l-materjal użat fi proċessi mineraloġiċi oħra ([18]), peress li l-proċessi taċ-ċeramika huma irriversibbli; iżda dan ir-raġunar fil-fatt ma jispjegax, f'termini tal-istruttura tas-sistema sottostanti tat-taxxa fuq l-enerġija domestika għaliex proċessi mineraloġiċi oħra li wkoll jużaw il-gass naturali fil-proċessi ta' produzzjoni tagħhom, bħall-manifattura tal-ħġieġ, ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-eżenzjoni. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa 22 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija, il-prodotti tal-enerġija għandhom ikunu soġġetti għal qafas Komunitarju essenzjalment meta jintużaw bħala karburant tat-tisħin jew karburant tal-magni. Kien f'dan l-ispirtu li l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva eskluda l-proċessi mineraloġiċi. F'dawk il-proċessi, il-karburant hu meqjus li jintuża mhux bħala karburant tal-magni jew karburant tat-tisħin, iżda biex jappoġġja l-proċess kimiku. L-element komuni fl-esklużjoni tal-proċessi mineraloġiċi kollha mill-ambitu tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija, għaldaqstant, hu li l-karburant qed jintuża għall-proċess kimiku minflok bħala karburant tat-tisħin jew tal-magni. Eżenzjoni mit-taxxa għall-proċessi kkonċernati hawn ([19]) tkun ġustifikata biss jekk tapplika għall-proċessi mineraloġiċi kollha in ġenerali, biex b'hekk jiġi żgurat li l-proċessi mineraloġiċi kollha kienu qed jiġu trattati b'mod konsistenti ([20]). Kif indikat, dan ikun konformi mar-raġunar tal-Kummissjoni fil-Każ N 820/06. Il-fatt li proċessi mineraloġiċi differenti jistgħu jużaw materja prima differenti, u li l-proċess taċ-ċeramika jista' jkun irriversibbli, huma kunsiderazzjonijiet li huma irrilevanti f'dan il-kuntest.

(40) Barra minn hekk, mill-istorja parlamentari tal-Att, joħroġ li l-għan tal-miżura intiża hu li jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva internazzjonali tal-industrija taċ-ċeramika fil-Pajjiżi l-Baxxi ([21]). Il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tagħmilha ċara li l-fatt li miżura tista' ġġib tariffi f'settur partikolari iżjed konformi ma' dawk tal-kompetituri fi Stati Membri oħra ma jibdilx il-fatt li din tikkostitwixxi għajnuna. ([22])

(41) Il-Kummissjoni għaldaqstant tqis li l-eżenzjoni mit-taxxa hi selettiva, fis-sens li tiffavorixxi l-produzzjoni ta' ċerti oġġetti u, de facto, ċerti impriżi, u ma tistax tiġi ġustifikata fuq il-bażi tal-istruttura ġenerali tas-sistema domestika tat-tassazzjoni tal-enerġija.

TFIXKIL TAL-KOMPETIZZJONI U EFFETT FUQ IL-KUMMERĊ

(42) Il-VKO kkontestat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li peress li l-miżura proposta kienet se tkopri parti sinifikanti mill-ispejjeż operattivi, u b'hekk tippermetti lir-reċipjenti li jitolbu prezz iżjed baxx għall-prodotti taċ-ċeramika tagħhom, kienet se tfixkel il-kompetizzjoni jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni fis-swieq taċ-ċeramika rilevanati. Skont il-VKO, l-ispejjeż tal-kunsinna u l-użu tal-enerġija huma multipliċi tal-ispiża tat-taxxa fuq l-enerġija.

(43) Il-Kummissjoni tqis li dan l-argument mhuwiex rilevanti. Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, titjib fil-pożizzjoni kompetittiva ta' impriża li tirriżulta minn miżura ta' għajnuna mill-istat normalment jindika li hemm tfixkil fil-kompetizzjoni bejn impriżi oħra li jikkompetu li ma jirċevux din l-assistenza ([23]). Barra minn hekk, miżura tinqabad mill-Artikolu 107(1) TFEU ladarba "thedded li tfixkel il-kompetizzjoni". L-eżenzjoni tat-taxxa in kwistjoni għandha l-potenzjal li tfixkel il-kompetizzjoni fis-swieq taċ-ċeramika peress li twassal għal tnaqqis fl-ispejjeż operattivi tar-reċipjenti. Barra minn hekk, l-għan tal-miżura proposta hu fil-fatt li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva internazzjonali tal-industrija taċ-ċeramika fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-Pajjiżi l-Baxxi ddikjaraw li l-eżenzjoni mit-taxxa kellha, mill-inqas sa ċertu punt, iġġib lura kundizzjonijiet ekwi għall-industrija fis-suq intern. Loġikament għandu jiġi konkluż, anke mingħajr dejta dettaljata li tissostanzja l-effett kompetittiv tal-miżura fis-settur taċ-ċeramika, li l-miżura għandha l-potenzjal li tfixkel il-kompetizzjoni fis-swieq taċ-ċeramika rilevanti.

([18]) Il-Pajjiżi l-Baxxi jniżżlu ħġieġ, mortar, konkrit, ġibs u ġir tar-ramel.
([19]) Fin-Notifika, il-Pajjiżi l-Baxxi kklassifikaw dawn taħt il-Kodiċi NACE DI 26, "manifattura ta' prodotti minerali oħra mhux metalliċi".
([20]) Fil-każ Ġermaniż N 820/06 din il-konsistenza ġiet rinfurzata mill-fatt li l-Ġermanja b'mod espliċitu impenjat ruħha li titratta kwalunkwe użu doppju ieħor jew proċessi mineraloġiċi li jkunu ġew avżati lilha b'mod ugwali, biex b'hekk jiġi żgurat li l-proċessi mineraloġiċi kollha jiġu trattati b'mod konsistenti.
([21]) Emenda mressqa minn Jules Kortenhorst, Membru tal-Lower House, u oħrajn, datata l-21 ta' Novembru 2007, *Tweede Kamer, vergaderjaar 2007-2008, 31 205, nr.35*
([22]) Il-Każ C-173/73 *Commission* v *Italy* [1974] ECR 709.
([23]) Il-Każ C-730/79 *Philip Morris Holland* v *Commission* [1980] 2671, paragrafi 11 u 12.

(44) Il-Pajjiżi l-Baxxi spjegaw li l-industrija tal-briks fil-Pajjiżi l-Baxxi, li tammonta għal 85-90 % tal-konsum tal-gass naturali u tal-enerġija fl-industrija taċ-ċeramika Olandiża, tħaddem madwar 1 500 persuna. Fl-2008, dan is-sotto-settur kellu dħul ta' madwar EUR 370 miljun. L-industrija Olandiża tal-briks tesporta madwar 20 % tal-produzzjoni annwali tagħha, filwaqt li l-livell tal-importazzjonijiet tammonta għal 8 % tal-produzzjoni Olandiża annwali. Minħabba l-piż tal-briks, is-suq rilevanti hu definit li jestendi madwar 250 km mill-impjant tal-briks fejn jiġu prodotti. Għaldaqstant is-swieq rilevanti li jikkompetu għal dan is-sotto-settur huma r-Renju Unit, il-Ġermanja u l-Belġju.

(45) Fl-ittra tas-26 ta' Mejju 2009, il-Pajjiżi l-Baxxi talbu lill-Kummissjoni biex tikkwantifika u tissostanzja l-konklużjoni tagħha li l-miżura proposta tfixkel il-kompetizzjoni jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni fis-swieq rilevanti fis-settur taċ-ċeramika b'referenza għad-dejta mill-Uffiċċju Olandiż tal-Istatistika Ċentrali *(Centraal Bureau voor de Statistiek)* li l-Pajjiżi l-Baxxi kienu issottomettew lill-Kummissjoni fil-fażi ta' investigazzjoni preliminari, u b'mod partikolari l-figuri ta' importazzjoni u esportazzjoni tal-briks li jidhru fit-Tabelli 1 u 2.

*Tabella 1*

**Esportazzjonijiet tal-briks Olandiżi lejn il-Ġermanja u l-Belġju**

| Sena | Persentaġġ | Sehem f'EUR |
|---|---|---|
| 2007 | 59 % ta' total ta' EUR 255 miljun | EUR 150 miljun |
| 2006 | 64 % ta' total ta' EUR 234 miljun | EUR 150 miljun |
| 2005 | 68 % ta' total ta' EUR 213 miljun | EUR 145 miljun |
| 2004 | 74 % ta' total ta' EUR 242 miljun | EUR 180 miljun |
| 2003 | 82 % ta' total ta' EUR 234 miljun | EUR 191 miljun |
| 2002 | 80 % ta' total ta' EUR 183 miljun | EUR 146 miljun |
| 2001 | 95 % ta' total ta' EUR 189 miljun | EUR 180 miljun |

(46) Il-figuri fit-Tabella 1, skont il-Pajjiżi l-Baxxi, għandhom jinqraw fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi. Fil-bidu ta' dan is-seklu, kien hemm staġnar serju fis-swieq tal-kostruzzjoni tad-djar fil-Ġermanja u fil-Pajjiżi l-Baxxi (fl-2000/2001 l-industrija tal-briks fil-Ġermanja ġarrbet telf ta' madwar 20 % tad-dħul u l-bejgħ). Wara, is-sitwazzjoni fis-suq tad-djar Olandiż u Ġermaniż tjiebet, u laħħqet il-quċċata fl-2006 u l-2007. Skont il-Pajjiżi l-Baxxi, id-dejta mill-Federazzjoni Ġermaniża tal-Madum *(Ziegelverband)* turi li l-industrija Ġermaniża rkuprat mill-2004/2005 'il quddiem. Madankollu, il-Pajjiżi l-Baxxi tinnota li l-figuri mill-Uffiċċju Olandiż tal-Istatistika Ċentrali li ġew sottomessi juri li minn dak iż-żmien 'il quddiem, l-esportazzjoni tal-briks Olandiżi lejn il-Ġermanja waqqgħet lura. Fil-qosor, fil-bidu tas-seklu kemm l-industrija Ġermaniża kif ukoll dik Olandiża għamlu telf qawwi fis-suq Ġermaniż, iżda s-settur tal-briks Ġermaniż irkupra b'konsegwenza tal-irkupru tas-suq tad-djar fil-Ġermanja, u l-produtturi tal-briks Olandiżi m'għamlux dan. Skont il-Pajjiżi l-Baxxi, dan hu kkonfermat bil-figuri għall-importazzjonijiet mill-Ġermanja li jidhru fit-Tabella 2.

*Tabella 2*

**Importazzjonijiet mill-Ġermanja għall-Pajjiżi l-Baxxi**

| Sena | Persentaġġ | Sehem f'EUR |
|---|---|---|
| 2007 | 42 % minn total ta' EUR91 miljun | EUR 36 miljun |
| 2006 | 25 % ta' total ta' EUR101 miljun | EUR 25 miljun |
| 2005 | 22 % ta' total ta' EUR82 miljun | EUR 18 miljun |
| 2004 | 17 % minn total ta' EUR121 miljun | EUR 21 miljun |
| 2003 | 16 % minn total ta' EUR110 miljun | EUR 18 miljun |
| 2002 | 18 % minn total ta' EUR107 miljun | EUR 20 miljun |
| 2001 | 11 % minn total ta' EUR124 miljun | EUR 14 miljun |
| 2000 | 12 % minn total ta' EUR155 miljun | EUR 19 miljun |

(47) Il-Pajjiżi l-Baxxi jindikaw li l-figuri fit-Tabella 2 juru tkabbir sod fl-importazzjonijiet tal-briks Ġermaniżi fil-Pajjiżi l-Baxxi mill-2006/2007 'il quddiem. Il-figuri sottomessi mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-ewwel kwart tal-2008 juru li din it-tendenza kompliet. Skont il-Pajjiżi l-Baxxi, l-industrija taċ-ċeramika Ġermaniża gawdiet eżenzjoni mit-taxxa fuq l-enerġija minn Awwissu 2006, eżenzjoni li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004.

*Tabella 3*

**Esportazzjonijiet mill-Pajjiżi l-Baxxi lejn Stati Membri oħra minbarra l-Belġju u l-Ġermanja (l-iżjed ir-Renju Unit u l-Irlanda)**

| Sena | Persentaġġ | Sehem f'EUR |
|---|---|---|
| 2007 | 40 % minn total ta' EUR255 miljun | EUR 102 miljun |
| 2006 | 37 % minn total ta' EUR234 miljun | EUR 86 miljun |
| 2005 | 32 % minn total ta' EUR213 miljun | EUR 68 miljun |
| 2004 | 17 % minn total ta' EUR242 miljun | EUR 41 miljun |
| 2003 | 10 % minn total ta' EUR234 miljun | EUR 23 miljun |
| 2002 | 18 % minn total ta' EUR183 miljun | EUR 32 miljun |
| 2001 | 12 % minn total ta' EUR189 miljun | EUR 23 miljun |

(48) Abbażi ta' dawn il-figuri, il-Pajjiżi l-Baxxi kkumentaw li fattur importanti li jgħin biex jispjega l-esportazzjonijiet miżjuda lejn dawn il-pajjiżi hu r-rata tal-kambju verament vataġġjuża bejn l-isterlina u l-euro. Il-Pajjiżi l-Baxxi jiddikjaraw li dan il-fattur jikkumpensa għall-ispejjeż għoljin tat-trasport.

(49) Il-Kummissjoni taċċetta li l-informazzjoni turi li l-Ġermanja u l-Belġju naqsu fl-importanza bħala destinazzjonijiet tal-esportazzjoni għal briks Olandiżi matul is-snin 1998-2007, li l-importazzjonijiet tal-briks Ġermaniżi fil-Pajjiżi l-Baxxi żdiedu fis-snin 2000-2007, u li l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi oħra minbarra l-Ġermanja u l-Belġju (l-iżjed ir-Renju Unit u l-Irlanda) żdiedu fil-perjodu 2001-2007. Fir-rigward tal-figuri preżentati għal pajjiżi oħra, b'mod partikolari r-Renju Unit u l-Irlanda, iż-żieda fl-esportazzjonijiet hi dovuta primarjament għar-rata tal-kambju favorevoli.

(50) Dawn il-figuri huma informattivi fir-rigward tal-flussi tal-kummerċ fis-settur tal-briks bejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-pajjiżi tal-madwar, il-Ġermanja, il-Belġju u r-Renju Unit, iżda ma jippermettux li wieħed jasal għall-konklużjoni li l-miżura tat-taxxa mhijiex kapaċi tfixkel il-kompetizzjoni fis-swieq rilevanti fl-industrija taċ-ċeramika. Sabiex miżura taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 107(1) TFEU, kif issemma, hu biżżejjed li jkun hemm il-potenzjal għal dan it-tfixkil.

(51) Il-miżura probabbilment taffetwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, għax il-prodotti taċ-ċeramika jinxtraw u jinbiegħu internazzjonalment, kif jidher mill-informazzjoni statistika provduta mill-Pajjiżi l-Baxxi li tidher fit-Tabelli 1, 2 u 3.

KONKLUŻJONI

(52) Fid-dawl ta' dak li ssemma, il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-miżura notifikata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li taqa' taħt l-Artikolu 107(1) TFEU.

### *LEGALITÀ TAL-GĦAJNUNA*

(53) Il-Pajjiżi l-Baxxi kkonformaw mal-obbligu impost mill-Artikolu 108(3) TFEU billi nnotifikaw il-miżura tal-għajnuna qabel ma implimentawha.

### *KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA*

INTRODUZZJONI

(54) Il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-eżenzjoni proposta għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-linji gwidi dwar l-għajnuna ambjentali. It-tip ta' eżenzjoni mit-taxxa ambjentali li hi s-suġġett ta' din in-Notifika hi indirizzata b'mod ċar fil-Kapitolu 4 tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali, "Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxi ambjentali". Għall-evalwazzjoni tal-eżenzjoni mit-taxxa in kwistjoni, il-Kapitolu 4 tal-linji gwidi dwar l-għajnuna ambjentali għandu jiġi kkunsidrat eżawrjenti. B'konsegwenza, il-miżura ma tistax tiġi evalwata fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) TFEU, kif argumentaw il-Pajjiżi l-Baxxi.

(55) Il-Pajjiżi l-Baxxi jaqblu mal-Kummissjoni li l-miżura proposta għandha titqies bħala "eżenzjoni minn taxxa ambjentali" skont it-tifsira tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali ([24]). Madankollu, il-Pajjiżi l-Baxxi ma jqisux li dan hu biżżejjed sabiex il-miżura tiddaħħal fl-ambitu tal-linji gwida. Fil-fehma tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-miżura ma tilħaqx ir-rekwiżit fil-punt 151 tal-linji gwida, li jitkellem dwar miżura li "tikkontribwixxi mill-inqas indirettament għal titjib fil-livell tal-protezzjoni ambjentali", għax l-eżenzjoni proposta m'għandhiex dan l-għan.

(56) Dan ir-raġunar ma jistax jiġi aċċettat. Kemm it-titolu tal-Kapitolu 4 tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali ("Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis ta' jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali") kif ukoll l-ewwel parti tal-punt 151 - li hi identika - jagħmluha ċara li dan il-kapitolu ma japplikax għall-għajnuna proposta. Il-kapitolu fih dispożizzjonijiet dettaljati li jispjegaw iċ-ċirkostanzi li fihom l-eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali jitqiesu kompatibbli mas-suq intern. Il-punt 151 tal-linji gwida jistabbilixxi kundizzjoni ġenerali għall-kompatibbiltà tal-eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali skont il-Kapitolu 4. Dan jgħid li l-għajnuna tista' tiġi ddikjarata kompatibbli biss jekk "tikkontribwixxi mill-inqas indirettament għal titjib fil-livell tal-protezzjoni ambjentali".

(57) Sabiex jiġi ċċarat il-ħsieb wara l-punt 151 tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali, il-Kummissjoni tosserva li eżenzjoni proposta minn taxxa ambjentali tista' tagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti jew jinżammu rati ogħla ta' tassazzjoni ambjentali domestika għal impriżi oħra, biex b'hekk ikun jista' jkollha effett ambjentali pożittiv għall-inqas indirettament ([25]). Il-Kummissjoni mhijiex qed tifhem l-argumenti mressqa mill-Pajjiżi l-Baxxi jew il-VKO biex juru li l-eżenzjoni proposta se tikkontribwixxi għall-applikazzjoni kontinwata tat-taxxa ambjentali Olandiża in kwistjoni. Il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew li r-rata tat-taxxa fl-ogħla faxx tiġi miżjuda fl-istess żmien li l-eżenzjoni tkun daħlet fis-seħħ, iżda tagħmel dan biex targumenta li l-eżenzjoni proposta mhux se twassal għal telfien tar-riżorsi tal-istat, u ma jidhirx li qed tallega lanqas li l-eżenzjoni proposta hi meħtieġa sabiex din iż-żieda tkun iżjed fattibbli. Għaldaqstant, ma ntweriex li l-punt 151 tal-linji gwida ambjentali hu sodisfatt.

([24]) Kif ikkonfermat fl-ittra tad-19 ta' Diċembru 2008.

([25]) F'dan il-kuntest, ara wkoll il-punt 57 tal-linji gwidi dwar l-għajnuna ambjentali, li jgħid li "din it-tip ta' għajnuna tista' tkun meħtieġa biex jindirizza esternalitajiet negattivi indirettament billi jiffaċilita l-introduzzjoni jew il-manutenzjoni ta' tassazzjoni ambjentali nazzjonali relattivament għolja".

(58) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi sabiex tippermettilha li tevalwa l-kompatibbiltà tal-għajnuna fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu 4 tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali, b'referenza speċjali għall-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-għajnuna u l-effetti tagħha fuq is-settur taċ-ċeramika, kif mitlub mill-punti 155-159 tal-linji gwidi ([26]).

(59) Fir-rigward tal-ħtieġa tal-għajnuna, il-Kummissjoni għamlet numru ta' mistoqsijiet speċifiċi sabiex tkun tista' tevalwa jekk kwalunkwe żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-industrija taċ-ċeramika Olandiża (minħabba t-taxxa ambjentali) setgħetx tiġi trasferita lill-klijenti mingħajr ma twassal f'telf sostanzjali tal-bejgħ. Intalbet ukoll informazzjoni dwar dawn il-punti b'mod partikolari: il-figuri tal-bejgħ tal-industrija taċ-ċeramika fis-swieq rilevanti matul l-aħħar 10 snin; ir-rata tat-taxxa fuq l-enerġija u l-ammont totali tat-taxxa mħallsa; l-ispejjeż tal-enerġija totali għal kull impriża matul l-aħħar 10 snin; stimi tal-elastiċità tal-prezzijiet tal-prodotti tal-industrija fis-swieq rilevanti; stimi ta' bejgħ mitluf jew profitti mnaqqsa jew it-tnejn; informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-flussi tal-kummerċ fl-industrija taċ-ċeramika Olandiża fil- u barra l-Pajjiżi l-Baxxi lejn u minn swieq ġeografiċi rilevanti; l-ishma tas-suq tar-reċipjenti fis-swieq ġeografiċi rilevanti; u kwalunkwe fattur ieħor li jista' jkollu rwol fl-evalwazzjoni tal-għan tat-trasferiment tal-ispejjeż. Il-Kummissjoni għamlet ukoll mistoqsijiet lill-Pajjiżi l-Baxxi fir-rigward tal-proporzjonalità tal-għajnuna, b'referenza għall-punt 159 fil-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali.

EVALWAZZJONI

### *Osservazzjonijiet preliminari*

(60) Bi tweġiba għall-ittra tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2009, il-Pajjiżi l-Baxxi provdew informazzjoni fir-rigward ta' prodottur tal-briks medju ipotetiku fil-Pajjiżi l-Baxxi ([27]). Il-Pajjiżi l-Baxxi ddikjaraw li ma kienx possibbli li jwieġbu l-mistoqsijiet tal-Kummissjoni dwar is-sotto-setturi kollha tal-industrija taċ-ċeramika Olandiża, għax f'ċerti sotto-setturi, bħal dak tal-madum, tal-pajpijiet taċ-ċeramika, u tal-prodotti taċ-ċeramika sanitarji, kien hemm biss fornitur wieħed Olandiż. Tista' tiġi deskritta sitwazzjoni rappreżentattiva għall-fornituri tal-briks, għax fil-preżent hemm 13 minnhom fil-Pajjiżi l-Baxxi, b'madwar 40 postijiet tal-produzzjoni. F'każijiet oħra, bħall-prodotti tal-fuħħar dekorattivi, il-Pajjiżi l-Baxxi qiesu li ma kienx possibbli li jinkiseb biżżejjed għarfien dwar is-sotto-setturi rilevanti fil-limitu taż-żmien strett.

(61) Il-Kummissjoni tindika li fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-11 ta' Frar 2009, kienet qalet li kienet diġà talbet din l-informazzjoni addizzjonali – inkluża l-informazzjoni dwar id-diversi setturi tal-industrija taċ-ċeramika kif identifikati mill-Pajjiżi l-Baxxi – matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, iżda din l-informazzjoni ma kinetx ġiet preżentata.

(62) Il-Kummissjoni ma tqisx li informazzjoni dwar manifattur tal-briks medju ipotetiku hi suffiċjenti għal evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-eżenzjoni mit-taxxa proposta fir-rigward tal-industrija taċ-ċeramika fil-Pajjiżi l-Baxxi in ġenerali, għax produttur wieħed medju partikolari ma jistax jitqies rappreżentattiv tal-industrija kollha. Kif enfasizzat mill-Pajjiżi l-Baxxi nnifisha b'rabta mad-dejta tal-importazzjoni u l-esportazzjoni sottomessa lill-Kummissjoni, l-informazzjoni rilevanti hi relatata biss mas-settur tal-briks u ma tistax awtomatikament tintuża bħala mudell għal tendenzi f'setturi oħra taċ-ċeramika, għax kull settur taċ-ċeramika għandu kombinazzjonijiet tal-prodotti/tas-suq li fihom għandhom rwol fatturi ekonomiċi oħra. Fid-dikjarazzjoni tagħha tal-24 ta' Mejju 2009, il-VKO waslet għal konklużjoni simili ([28]). L-argument li l-ebda informazzjoni ma tista' tiġi provduta dwar sotto-setturi fejn ikun qed jopera reċipjent wieħed biss mhuwiex konvinċenti. Għall-kuntrarju, kien ikun iżjed faċli li tinkiseb informazzjoni dwar ditta individwali (kif intwera riċentement f'każ Daniż ([29]).

(63) Barra minn hekk, parti mill-informazzjoni mitluba ma ngħatatx. Pereżempju, kif indikat fil-premessa 59, il-Kummissjoni talbet informazzjoni fir-rigward tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-għajnuna. Fir-rigward tal-ħtieġa tal-għajnuna, il-Kummissjoni talbet stimi tal-elastiċità tal-prezzijiet tal-prodotti tal-industrija fis-swieq rilevanti, stimi tal-bejgħ mitluf jew profitti mnaqqsa jew it-tnejn li huma, l-ishma tas-suq tar-reċipjenti fis-swieq ġeografiċi rilevanti, u l-iżvilupp tal-ishma tal-manifatturi Olandiżi f'dawk is-swieq. L-ittra tal-Kummissjoni tad-9 ta' Ottubru 2009 tat lill-Pajjiżi l-Baxxi opportunità oħra sabiex tipprovdi l-informazzjoni nieqsa, iżda din qatt ma ngħatat.

(64) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, tista' ssir din l-analiżi tas-settur tal-briks.

([26]) Dawn il-mistoqsijiet saru fit-tieni talba għall-informazzjoni ndirizzati lill-Pajjiżi l-Baxxi fis-17 ta' Novembru 2008 (D/54544).

([27]) Il-Pajjiżi l-Baxxi ddikjaraw li jqisu din l-informazzjoni bħala applikabbli għas-setturi l-oħra distinti tal-industrija taċ-ċeramika, qalu li dan il-metodu kien intuża f'kuntesti oħra, bħal-leġiżlazzjoni Ewropea (pereżempju għall-E-PRTR, ir-Reġistru Ewropew tar-Rilaxx u t-Trasferiment tat-Tniġġis) u studji dwar il-ġestjoni nazzjonali (pereżempju għall-aħjar tekniki NL-BAT disponibbli). Għall-finijiet ta' analiżi kompetittiva, madankollu, il-Kummissjoni ma tqisx li l-informazzjoni dwar impriża waħda medja fis-settur tal-briks tista' titqies rappreżentattiva tal-industrija taċ-ċeramika kollha.

([28]) Il-linji gwida ambjentali ma jgħidux b'mod ċar jekk l-evalwazzjoni għandhiex issir fil-livell tal-industrija jew tas-sotto-settur. Hawn, madankollu, il-Pajjiżi l-Baxxi nnifishom ndikaw li s-sotto-setturi differenti jiffaċċjaw kundizzjonijiet kompetittivi differenti. Għall-finijiet ta' dan il-każ, għaldaqstant, kellha ssir evalwazzjoni fil-livell tas-sotto-settur.

([29]) Il-Każ dwar l-għajnuna mill-istat N 327/08, 29 ta' Ottubru 2009, li għadu ma ġiex ippubblikat.

*Ħtieġa tal-għajnuna*

(65) Il-punt 155 tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali jiddikjara li meta jiġu analizzati l-iskemi tat-taxxa li jinkludu l-elementi tal-għajnuna mill-istat fil-forma ta' tnaqqis ta' jew eżenzjonijiet minn taxxa ambjentali, il-Kummissjoni għandha tanalizza b'mod partikolari l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-għajnuna u l-effetti tagħha fuq il-livell tas-setturi ekonomiċi kkonċernati.

(66) Il-punt 158 tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali jiddikjara li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-għajnuna li hi meħtieġa jekk jintlaħqu dawn it-tliet kundizzjonijiet. L-ewwel, l-għażla tal-benefiċjarji għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, u l-għajnuna għandha tingħata fil-prinċipju bl-istess mod għall-kompetituri kollha fl-istess settur jekk ikunu f'sitwazzjoni fattwali simili (punt 158(a) tal-linji gwida). It-tieni, it-taxxa mingħajr tnaqqis għandha twassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni (punt 158(b)) It-tielet, għandu jkun hemm assigurazzjoni li ż-żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni ma jistgħux jiġu trasferiti lill-klijenti mingħajr ma jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ (punt 158(c)) F'dan ir-rigward, l-Istat Membru jista' jipprovdi stimi inter alia tal-elastiċità tal-prezz tal-prodott tas-settur ikkonċernat fis-suq ġeografiku rilevanti u tal-bejgħ mitluf jew il-profitti mnaqqsa għall-kumpaniji fis-settur jew il-kategorija kkonċernata.

**Il-punt 158(a) tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali**

(67) Il-Pajjiżi l-Baxxi argumentaw li l-eżenzjoni hi mmirata lejn il-proċess taċ-ċeramika: il-produtturi kollha tal-prodotti taċ-ċeramika, u l-kompetituri kollha fis-settur taċ-ċeramika (jew fl-istess suq rilevanti meta jkunu f'sitwazzjoni fattwali simili), huma eliġibbli għall-eżenzjoni sakemm jissodisfaw dawn it-testijiet:

— għandu jkun hemm provvista ta' gass naturali;

— il-gass naturali għandu jintuża fl-impjanti għall-manifattura ta'prodotti bit-tishin;

— il-prodotti għandhom jikkonsistu mill-inqas minn 90 % tafal.

(68) Dawn it-testijiet huma stabbiliti fl-abbozz tal-leġiżlazzjoni ([30]). Għaldaqstant, jidher, li l-kriterji li jiddeterminaw l-għażla tar-reċipjenti huma kemm oġġettivi kif ukoll trasparenti.

**Il-punt 158(b) tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali**

(69) Ir-rekwiżit li fin-nuqqas tat-tnaqqis, it-taxxa għandha twassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni għandu jitqies milħuq, kif spjegat fin-nota f'qiegħ il-paġna 55 tal-linji gwida, jekk ir-reċipjent ikun "negozju li jimmira fuq l-enerġija" kif definit fl-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija, i.e. wieħed fejn jew ix-xiri tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku jammontaw għal mill-inqas 3,0 % tal-valur tal-produzzjoni ([31]) jew it-taxxa nazzjonali fuq l-enerġija li għandha titħallas tammonta għal mill-inqas 0,5 % tal-valur miżjud.

(70) Il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew li l-produtturi tal-briks jappartjenu għall-grupp ta' utenti li jużaw ħafna enerġija, għax l-ispejjeż tal-enerġija tagħhom jammontaw għal 20-30 % tal-ispejjeż tal-produzzjoni totali tagħhom.Il-Pajjiżi l-Baxxi ma speċifikawx kif l-ispejjeż tal-produzzjoni totali jidħru fi proporzjon mal-valur tal-produzzjoni; iżda jista' jiġi preżunt li f'ċirkostanzi tan-negozju normali, i.e. meta l-oġġetti jinbiegħu bi prezz 'il fuq mill-ispejjeż tal-produzzjoni, l-ispejjeż tal-produzzjoni għandhom ikunu inqas mill-valur tal-produzzjoni, għax il-valur tal-produzzjoni hu konness mad-dħul u għaldaqstant mal-prezz tal-prodott mibjugħ. Jekk iċ-ċirkostanzi tan-negozju jkunu normali, għaldaqstant, is-sehem tal-ispejjeż tal-enerġija fil-valur ta' produzzjoni għandhom ikunu inqas mis-sehem tal-ispejjeż tal-enerġija fl-ispejjeż tal-produzzjoni sottomessi mill-Pajjiżi l-Baxxi. U jista' jiġi preżunt ukoll li l-valur tal-produzzjoni ma għandux ikun tant ogħla mill-ispejjeż tal-produzzjoni, li jgħolli s-sehem tal-ispejjeż tal-enerġija minn 20-30 % meta d-denominatur ikun l-ispejjeż tal-produzzjoni sa taħt it-3 % meta d-denominatur ikun il-valur tal-produzzjoni. Konsegwentament il-Kummissjoni taċċetta li l-impriżi fl-industrija taċ-ċeramika Olandiża huma "negozji li jimmiraw fuq l-enerġija" kif definit fid-Direttiva msemmija qabel, sabiex jintlaħaq ir-rekwiżit tal-punt 158(b) ta' żieda sostanzjali fl-ispiża. Il-Kummissjoni għaldaqstant qed tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq il-preżunzjoni legali fin-nota f'qiegħ il-paġna 55 tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali.

**Il-Punt 158(b) tal-linji gwida tal-għajnuna ambjentali**

(71) Dwar il-kriterju fil-Punt 158(c) tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali, saru mistoqsijiet dettaljati sabiex jiġi evalwat jekk żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni setgħetx tiġi trasferita lill-klijenti mingħajr ma twassal għal telf sinifikanti fil-bejgħ. B'mod partikolari, il-Pajjiżi l-Baxxi ġew mitluba jipprovdu informazzjoni dwar il-figuri tal-bejgħ tal-industrija taċ-ċeramika fis-swieq rilevanti matul l-aħħar 10 snin; ir-rata tat-taxxa fuq l-enerġija u l-ammont totali ta' taxxa mħallsa; l-ispejjeż tal-enerġija totali għal kull impriża matul l-aħħar 10 snin; l-istimi tal-elastiċità tal-prezzijiet tal-prodotti tal-industrija fis-swieq rilevanti; l-istimi tal-bejgħ mitluf jew il-profitti mnaqqsa jew it-tnejn; informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-flussi tal-kummerċ fl-industrija taċ-ċeramika Olandiża fil-u barra mill-Pajjiżi l-Baxxi lejn u mis-swieq ġeografiċi rilevanti; l-ishma tas-suq tar-reċipjenti fis-swieq ġeografiċi

([30]) L-abbozz tal-leġiżlazzjoni (id-dispożizzjoni għandha tiġi inkluża fl-Artikolu 64 tal-Att dwar it-Taxxi Ambjentali) jirreferi għall-prodotti taċ-ċeramika li jikkonsistu b'mod esklussiv jew kważi esklussiv minn tafal.

([31]) L-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija jiddikjara li "Valur tal-produzzjoni" għandu jfisser dħul, inklużi sussidji konnessi direttament mal-prezz tal-prodott, bil- jew mingħajr il-bidliet fl-istokks tal-prodotti lesti, ix-xogħol li jinsab għaddej u l-oġġetti u s-servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid, bi tnaqqis tax-xiri ta' oġġetti u servizzi għall-bejgħ mill-ġdid.

rilevanti; u kwalunkwe fattur ieħor li jista' jkollu rwol fl-evalwazzjoni tal-għan għat-trasferiment tal-ispejjeż (ara l-premessi 59 u 63).

(72) Il-Pajjiżi l-Baxxi kkonfermaw li bħala prinċipju l-ispejjeż rilevanti jistgħu jiġu trasferiti, iżda jiddikjaraw li dan qed isir iżjed u iżjed diffiċli. Fis-snin riċenti, il-produtturi li ma setgħux jittrasferixxu l-ispejjeż tagħhom għalqu jew ġew iddikjarati falluti. Madankollu, il-Pajjiżi l-Baxxi ma fornew l-ebda provi li juru konnessjoni każwali bejn l-ispiża tat-taxxa u l-fatt li dawn id-ditti m'għadhomx fin-negozju. Il-Kummissjoni tosserva li hu l-Istat Membru li għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex isostni t-talbiet tiegħu.

(73) Il-Pajjiżi l-Baxxi indikaw ukoll li l-elastiċità tal-prezz tad-domanda għall-briks hi baxxa, iżda ma ssostanzjatx dan b'referenza għad-dejta attwali.

(74) Il-Pajjiżi l-Baxxi spjegaw li l-kompetizzjoni fis-settur tal-briks qegħda dejjem tiżdied, minħabba l-importazzjonijiet ta' briks simili prodotti mill-kompetituri fi Stati Membri oħra, u li s-sehem tas-suq tal-briks magħmula fil-Pajjiżi l-Baxxi qed jonqos. F'anness għall-ittra tat-30 ta' Ottubru 2009, il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew dejta tal-importazzjoni u l-esportazzjoni li turi li l-importazzjonijiet mill-Ġermanja għall-Pajjiżi l-Baxxi żdiedu fis-snin riċenti u li l-esportazzjonijiet mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-Ġermanja u l-Belġju kienu naqsu ([32]). Ir-raġuni ewlenija, skont il-Pajjiżi l-Baxxi, hi li l-produtturi barranin tal-briks igawdu eżenzjoni mit-taxxa fuq l-enerġija, filwaqt li l-produtturi Olandiżi ma jgawdux minnha.

(75) Bħala prinċipju, madankollu, l-għajnuna mill-istat, inkluża l-eżenzjoni minn taxxa ambjentali, ma tistax tiġi ġustifikata biss bl-eżistenza ta' miżuri komparabbli fi Stati Membri oħra. Li tiġi aċċettata din il-ġustifikazzjoni jkun ifisser li tkun qed tiġi aċċettata li l-eżistenza ta' miżuri tal-istat fi Stat Membru wieħed tippermetti li Stati Membri oħra jieħdu miżuri kumpensatorji sabiex jitnaqqas l-effett detrimentali fuq l-industrija tagħhom. Minn perspettiva ta' għajnuna mill-istat, ma tistax tiġi aċċettata ritaljazzjoni ta' din ix-xorta. Ir-rimedju veru għall-ħsara kkawżata mill-għajnuna mill-istat mhuwiex tellieqa għas-sussidji iżda l-infurzar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat, inklużi l-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali. Għaldaqstant, il-miżura notifikata ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata biss bħala rimedju leġittimu għall-għajnuna li hi suspettata li teżisti band'oħra: jekk din għandha tiġi approvata, għandu jintwera li hemm żieda sostanzjali fl-ispejjeż, u li l-ispejjeż ma jistgħux jiġu trasferiti lill-klijenti.

(76) Minkejja l-limitazzjonijiet imposti mill-ispejjeż tat-trasport, li jnaqqsu s-suq ġeografiku għall-briks għal 250 km, mill-informazzjoni sottomessa l-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-industrija tal-briks hi esposta għall-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew li 20 % tal-briks prodotti kull sena jiġu esportati. Mid-dejta provduta, il-Kummissjoni setgħet tikkalkula valur approssimattiv għall-intensità tal-kummerċ ([33]), li jammonta għal 75 %. Minħabba n-nuqqas ta' dejta konsistenti, madankollu, din il-figura għall-intensità tal-kummerċ kellha tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' dejta tal-2007 għall-flussi tal-kummerċ u d-dejta tal-2008 għad-dħul. Dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jissuġġerixxu li l-industrija qed tesperjenza diffikultà biex tgħaddi l-piż tat-taxxa impost mill-Pajjiżi l-Baxxi. Madankollu, l-allegazzjoni li hu diffiċli li ż-żieda fl-ispejjeż jiġi trasferit qed tiġi kontradetta mid-dikjarazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi li t-taxxa sa issa ġiet trasferita, u mill-fatt li matul il-perjodu li fih id-dejta ġiet sottomessa, l-esportazzjonijiet mis-settur tal-briks Olandiż żdiedu, minn EUR 189 miljun fl-2001 għal EUR 225 miljun fl-2007. Minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni u dejta addizzjonali, l-ebda analiżi oħra iżjed konklussiva ma hi possibbli.

(77) Barra minn hekk, u minkejja t-talba espressa tal-Kummissjoni li l-ishma tas-suq tar-reċipjenti fis-swieq ġeografiċi rilevanti għandhom jiġu provduti wkoll, l-ebda dejta tas-suq multiannwali ma ġiet sottomessa b'appoġġ tad-dikjarazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi li s-sehem tas-suq tal-briks magħmula fil-Pajjiżi l-Baxxi qed jonqos.

(78) Din l-informazzjoni ntalbet ukoll għal skopijiet ta' evalwazzjoni tal-possibbiltà li jiġu trasferiti l-ispejjeż, iżda ma ġietx provduta: figuri tal-bejgħ għaċ-ċeramika, skont il-volum u l-valur fis-sena, għal impriża medja f'kull suq rilevanti matul l-aħħar 10 snin (fil-fatt ġie sottomess li s-settur tal-briks kellu dħul annwali ta' EUR 370 miljun fil-Pajjiżi l-Baxxi, iżda ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar il-volum; fuq il-bażi ta' informazzjoni storika, ġie stmat ukoll li s-settur tal-prodotti tal-fuħħar dekorattivi kellu dħul annwali ta' EUR 7-10 miljun); il-figura totali mħallsa fis-sena għat-taxxa fuq l-enerġija minn impriża fis-suq rilevanti matul l-aħħar 10 snin (il-Pajjiżi l-Baxxi pprovdew dejta biss għal kumpanija tal-briks medja fl-2009); spejjeż tal-enerġija għal impriża fis-suq rilevanti matul l-aħħar 10 snin (Il-Pajjiżi l-Baxxi pprovdew dejta biss għal kumpanija tal-briks medja fl-2009); stimi tal-elastiċità tal-prezz għal prodotti fis-swieq tal-prodotti u ġeografiċi rilevanti; stimi ta' dħul jew profitti li qed jonqsu, jew it-tnejn, għal impriżi f'dawn is-swieq; u l-iżvilupp tal-ishma tas-suq ta' produtturi Olandiżi fis-swieq ġeografiċi rilevanti. Il-Kummissjoni talbet ukoll dejta dwar flussi tal-kummerċ li qed jinbidlu fl-industrija taċ-ċeramika Olandiża, i.e. importazzjonijiet fil-Pajjiżi l-Baxxi mis-swieq ġeografiċi rilevanti u esportazzjonijiet mill-Pajjiżi l-Baxxi għal dawn is-swieq, iżda ma ġiet sottomessa l-ebda informazzjoni multiannwali fir-rigward tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet totali tal-industrija

([32]) L-istess dejta ġiet provduta mal-ittra datata s-16 ta' Settembru 2008.

([33]) "Intensità tal-kummerċ" tfisser il-valur totali ta' esportazzjonijiet u importazzjonijiet diviżi bil-valur totali tad-dħul u l-importazzjonijiet fis-suq rispettiv.

taċ-ċeramika (lanqas fuq bidliet fid-dħul totali tal-industrija matul is-snin). Għaldaqstant, mhuwiex possibbli tintlaħaq kwalunkwe konklużjoni sinifikanti fir-rigward tal-livell ta' intensità tal-kummerċ fl-industrija taċ-ċeramika, u għall-industrija tal-briks, hemm biss il-valur approssimattiv imsemmi fil-premessa 76.

(79) Għas-setturi l-oħra identifikati mill-Pajjiżi l-Baxxi, l-aktar madum tal-bejt, pajpijiet tad-dranaġġ, prodotti sanitarji, madum taċ-ċeramika u tal-art, materjal reżistenti għan-nar u porċellana u prodotti tal-fuħħar dekorattivi, il-Pajjiżi l-Baxxi jirreferu għall-informazzjoni provduta dwar impriża medja fis-settur tal-briks. Barra minn hekk, ġiet provduta biss informazzjoni limitata ħafna dwar is-setturi separati. Fl-ittra tas-16 ta' Settembru 2008, il-Pajjiżi l-Baxxi ddikjaraw id-daqs tas-suq ġeografiku rilevanti għal kull settur u s-sehem tal-produzzjoni nazzjonali impurtata jew esportata, f'punti ta' persentaġġ, li jispeċifikaw id-diversi destinazzjonijiet tal-esportazzjoni differenti ([34]). Madankollu, l-informazzjoni dettaljata għal kull settur li kienet talbet il-Kummissjoni, deskritta fil-Premessa 78, ma ġietx provduta.

(80) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni ma tistax tasal għall-konklużjoni li żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotturi taċ-ċeramika Olandiżi ma tistax tiġi trasferita lill-klijenti mingħajr ma twassal għal tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ. Għaldaqstant għandu jiġi konkluż li l-Pajjiżi l-Baxxi ma wrewx li l-kriterju stabbilit fil-Punt 58(c) tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali ntlaħaq.

KONKLUŻJONI DWAR IL-ĦTIEĠA TAL-GĦAJNUNA PROPOSTA

(81) Il-Kummissjoni għaldaqstant tqis li l-informazzjoni provduta ma turix li l-għajnuna proposta għall-industrija taċ-ċeramika Olandiża hi meħtieġa. Għal din ir-raġuni biss, għandu jiġi konkluż li l-miżura tal-għajnuna hi inkompatibbli mas-suq intern.

***Proporzjonalità tal-għajnuna***

(82) Dwar il-kwistjoni tal-proporzjonalità, il-punt 159 tal-linji gwida tal-għajnuna ambjentali jgħid li kull benefiċjarju għandu jissodisfa wieħed minn dawn it-testijiet:

(a) Il-benefiċjarju jħallas proporzjon tal-livell tat-taxxa nazzjonali li hu bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għall-prestazzjoni ambjentali ta' kull benefiċjarju individwali meta mqabbel mal-prestazzjoni marbuta mal-aħjar teknika tal-prestazzjoni fi ħdan iż-ŻEE. Il-benefiċjarju jista' jgawdi, l-aktar, minn tnaqqis li jikkorrispondi maż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni mit-taxxa, bl-użu tal-aħjar teknika tal-prestazzjoni, u li ma jistax jiġi trasferit lill-klijenti.

(b) Il-benefiċjarju jħallas mill-inqas 20 % tat-taxxa nazzjonali, sakemm ma tistax tiġi ġustifikata rata inqas.

(ċ) Il-benefiċjarju jista' jidħol fi ftehim mal-Istat Membru li permezz tiegħu jobbliga ruħu li jikseb l-għanijiet tal-protezzjoni ambjentali li għandhom l-istess effett daqs li kieku kellhom jiġu applikati l-punt (a) jew (b) jew il-livell minimu tat-taxxa Komunitarja.

(83) Il-Pajjiżi l-Baxxi kkonfermaw li t-test fil-punt (a) ma ġiex sodisfatt. Il-Pajjiżi l-Baxxi ma ddiskutewx it-test fil-punt (c). Fir-rigward tat-test fil-punt (b), i.e. li l-benefiċjarju għandu jħallas mill-inqas 20 % tat-taxxa nazzjonali sakemm ma tistax tiġi ġustifikata rata iżjed baxxa, il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew li l-benefiċjarji kollha flimkien ma jħallsux mill-inqas 20 % tat-taxxa nazzjonali (fuq l-enerġija) (id-dħul li jiġi minn pereżempju t-taxxa fuq l-elettriku li l-kumpaniji għadhom iħallsu). Skont il-Pajjiżi l-Baxxi, id-daqs tas-settur ifisser li l-proporzjon li fil-fatt jitħallas hu ħafna inqas. Il-Pajjiżi l-Baxxi sostnew f'dan il-kuntest li l-applikazzjoni tal-eżenzjoni għall-prodotti taċ-ċeramika mit-taxxa fuq l-enerġija fuq il-gass naturali tneħħi tfixkil tal-kompetizzjoni, għax joħloq livell ta' kundizzjonijiet ekwi għall-impjanti kollha taċ-ċeramika fis-suq intern.

---

([34]) Mal-ittra tas-16 ta' Settembru 2008, il-Pajjiżi l-Baxxi provdew din l-informazzjoni speċifika dwar is-sotto-setturi tal-industrija taċ-ċeramika identifikati; mhuwiex ċar ma' liema sena hi marbuta din id-dejta: mid-deskrizzjoni ġenerali tal-industrija taċ-ċeramika, jista' jiġi preżunt li d-dejta għal kull settur bl-istess mod tirrelata għall-2008. Briks: Is-settur għandu dħul ta' madwar EUR […] (*) u jħaddem madwar […] persuna. L-industrija tal-briks Olandiża tesporta madwar […] % tal-produzzjoni annwali tagħha. L-importazzjonijiet jammontaw għal madwar […] % tal-produzzjoni annwali Olandiża. Minħabba l-piż tal-briks, is-suq ġeografiku hu mdawwar b'ċirku ta' […] km madwar in-negozju li jipproduċihom, u għaldaqstant jinkludi […], […] u […]. Madum tal-bejt taċ-ċeramika: L-ebda figura tad-dħul ma ġiet provduta. Dan is-settur iħaddem madwar […] persuna. Jesporta madwar […] % tal-produzzjoni annwali tiegħu, l-iżjed lil pajjiżi direttament madwaru. L-importazzjonijiet jammontaw għal […] %, u jiġu mill-istess pajjiżi ġirien. Minħabba l-piż tal-prodotti, is-suq ġeografiku hu mdawwar b'ċirku ta' […] km madwar in-negozju li jipproduċihom, u għaldaqstant jinkludi […] u […]..Pajpijiet tad-dranaġġ taċ-ċeramika: Hemm produttur wieħed, li għandu żewġ postijiet tal-produzzjoni. Minħabba l-piż tal-prodotti, is-suq ġeografiku hu mdawwar b'ċirku ta' […] km madwar in-negozju li jipproduċihom, għalkemm intqal li l-kumpanija kkonċernata tesporta madwar l-Ewropa. Prodotti sanitarji: L-ebda figura ta' dħul ma ġiet provduta; is-settur iħaddem madwar […] persuna. Madwar […] % tal-produzzjoni Olandiża annwali tiġi esportata, filwaqt li madwar […] % tiġi mpurtata. Is-suq ġeografiku rilevanti hu mdawwar b'ċirku […] km madwar in-negozju li jipproduċi l-prodotti. Il-produttur hu parti minn grupp Ewropew. Materjali reżistenti għan-nar: Dan is-settur hu orjentat kważi esklussivament internazzjonalment. Iħaddem madwar […] persuna. Jesporta madwar […] % tal-produzzjoni annwali tiegħu, u jimporta madwar […]%. Madum taċ-ċeramika: Is-settur iħaddem madwar […] persuna, u jesporta […] % tal-produzzjoni annwali tiegħu. L-importazzjonijiet jammontaw għal […] % tal-produzzjoni annwali. L-ikbar pajjiżi importaturi importanti fl-UE huma […], […] u […]. L-ikbar pajjiżi importaturi barra l-UE huma […] u […]. Prodotti tal-fuħħar dekorattivi: Dan is-settur għandu erba' postiiet tal-produzzjoni u jħaddem madwar […] persuna. Jesporta […] % tal-produzzjoni annwali tiegħu, u l-importazzjonijiet jammontaw għal madwar […] % tal-produzzjoni Olandiża annwali. Fuq il-bażi tad-dejta storika, id-dħul minn dan is-settur hu stmat għal madwar EUR […] miljun (b'mod wiesa' […] % tad-dħul totali stmat tal-industrija taċ-ċeramika fil-Pajjiżi l-Baxxi).

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.

(84) Il-punt (b) jirriferi għar-rata nazzjonali tat-taxxa fuq l-enerġija, u mhux għal proporzjon ta' 20 % tal-ammont totali tat-taxxa merfugħa mill-persuni li jħallsu t-taxxa fir-rigward ta' prodotti tal-enerġija differenti. Il-miżura notifikata tinvolvi eżenzjoni totali mir-rata nazzjonali tat-taxxa fuq il-gass naturali, li tfisser li l-limitu ta' persentaġġ stabbilit fil-punt 159(b) tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali ma jintlaħaqx. Barra minn hekk, il-Pajjiżi l-Baxxi ma wrewx li hemm biss "tfixkil limitat tal-kompetizzjoni", li jista' jiġġustifika rata iżjed baxxa: dan hu sempliċiment minħabba li d-dejta tas-suq mitluba dwar il-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija ma ġietx provduta. Mill-informazzjoni li ġiet provduta, għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li dan il-kriterju jintlaħaq.

KONKLUŻJONI DWAR IL-PROPORZJONALITÀ TAL-GĦAJNUNA PROPOSTA

(85) Il-Kummissjoni għaldaqstant tqis li l-informazzjoni provduta ma turix li l-għajnuna proposta għall-industrija taċ-ċeramika Olandiża hi proporzjonali.

## VII. **KONKLUŻJONI**

(86) Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni mit-taxxa proposta, li tikkostitwixxi għajnuna operattiva, mhijiex eliġibbli għal kwalunkwe mill-eżenzjonijiet mill-projbizzjoni ġenerali tal-għajnuna mill-istat fit-TFEU, u għaldaqstant hi inkompatibbli mas-suq intern. B'konsegwenza, il-miżura tal-għajnuna ma tistax tiddaħħal fis-seħħ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-għajnuna mill-istat fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq l-enerġija fuq il-gass naturali li l-Pajjiżi l-Baxxi qed jippjanaw li jagħtu lill-industrija taċ-ċeramika Olandiża hi inkompatibbli mas-suq intern.

B'konsegwenza, il-miżura tal-għajnuna ma tistax tidħol fis-seħħ.

### *Artikolu 2*

Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Pajjiżi l-Baxxi għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-miżuri li tkun ħadet biex tikkonforma magħha.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Magħmula fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Neelie KROES
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-14 ta' Lulju 2010

## li teżenta l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana fl-Italja u l-bejgħ bl-imnut tal-elettriku lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna fl-Italja, mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4740)*

**(It-test Taljan biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/403/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(5) u (6) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba ppreżentata mill-Compagnia Valdostana delle Acque S.p.A. – Compagnie Valdôtaine des eaux S.p.A. (minn hawn 'il quddiem "CVA") permezz ta' e-mail tal-15 ta' Frar 2010,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

Billi:

### I. FATTI

(1) Fil-15 ta' Frar 2010, CVA bagħtet talba skont l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva 2004/17/KE lill-Kummissjoni permezz ta' e-mail. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Awtoritajiet Taljani permezz ta' e-mail tal-15 ta' April 2010, u mingħand CVA permezz ta' e-mail tal-15 April 2010. Informazzjoni addizzjonali ntbagħtet mill-awtoritajiet Taljani permezz ta' e-mail tal-10 ta' Mejju 2010 u tal-20 ta' Mejju 2010 u, wara li ttawlet d-data ta' għeluq inizjali, minn CVA fis-7 ta' Mejju 2010.

(2) It-talba ppreżentata minn CVA, impriża pubblika skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/17/KE, tikkonċerna l-attivitajiet li ġejjin, kif deskritt fit-talba:

(a) Il-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku, fit-territorju sħiħ tar-Repubblika Taljana;

(b) B'mod alternattiv, il-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fit-territorju taż-Żona Ġeografika tat-Tramuntana (minn hawn 'il quddiem "Makro Żona Tramuntana" ([2])); u

(ċ) Il-bejgħ bl-imnut tal-elettriku lill-klijenti finali fis-suq ħieles tal-elettriku fit-territorju sħiħ tar-Repubblika Taljana.

### II. QAFAS LEGALI

(3) L-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE jistabbilixxi li l-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom tapplika d-Direttiva ma għandhomx ikunu soġġetti għad-Direttiva jekk, fl-Istat Membru li fih titwettaq, l-attività tkun esposta direttament għal kompetizzjoni fi swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett. Espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur ikkonċernat. L-aċċess jitqies li mhuwiex ristrett jekk l-Istat Membru jkun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti li tiftaħ settur partikolari jew parti minnu. Din il-leġiżlazzjoni hija elenkata fl-Anness XI tad-Direttiva 2004/17/KE, li, għas-settur tal-elettriku, tirreferi għad-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku ([3]). Id-Direttiva 96/92/KE ġiet sostitwita bid-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE ([4]).

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.

([2]) Din tinkludi ż-Żona Nord, kif ukoll erba' żoni iżgħar (Ene, Enw, Turbigo u Monfalcone), kif imsemmi f'Anness B għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007: "Inkjesta skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fis-setturi Ewropej tal-gass u tal-elettriku (Rapport Finali)" (COM(2006) 851 finali, "Rapport Finali").

([3]) ĠU L 27, 30.1.1997, p. 20.

([4]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37. Għandu jiġi nnotat li d-Direttiva 2003/54/KE ġiet sostitwita bid-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55), li teħtieġ livell saħansitra ogħla ta' ftuħ tas-suq miż-żewġ direttivi preċedenti. Madankollu, minħabba li d-data tal-għeluq għall-implimentazzjoni tagħha għadha ma skadietx, sejra tkompli ssir referenza għall-qafas legali introdott mid-Direttiva 2003/54/KE.

(4) L-Italja implimentat u applikat mhux biss id-Direttiva 96/92/KE iżda wkoll id-Direttiva 2003/54/KE, u għażlet separazzjoni (unbundling) legali u funzjonali għan-netwerks ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni għajr għall-iżgħar kumpaniji, li huma eżentati mir-rekwiżiti tas-separazzjoni (unbundling) funzjonali. Konsegwentement, u skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(3), l-aċċess għas-suq għandu jitqies bħala li mhuwiex ristrett fit-territorju sħiħ tar-Repubblika Taljana.

(5) L-espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni għandha tiġi evalwata fuq il-bażi ta' indikaturi differenti, li ebda wieħed minnhom ma huwa, *per se*, deċiżiv. Fir-rigward tas-swieq ikkonċernati minn din id-deċiżjoni, is-sehem tas-suq tal-parteċipanti ewlenin f'suq partikolari jikkostitwixxi kriterju wieħed li għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni. Kriterju ieħor huwa l-livell ta' konċentrazzjoni f'dawk is-swieq. Meta wieħed iqis il-karatteristiċi tas-swieq ikkonċernati, għandhom jiġu kkunsidrati kriterji oħrajn bħall-funzjonament tas-suq ta' bilanċ, il-kompetizzjoni fil-prezzijiet u l-grad tal-bdil tal-klijenti.

(6) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

## III. VALUTAZZJONI

(7) Fuq il-bażi tal-preċedenti tal-Kummissjoni ([1]), is-swieq li ġejjin tal-prodotti rilevanti jistgħu jiġu distinti fis-settur tal-elettriku: (i) il-ġenerazzjoni u l-provvista bl-ingrossa; ii) it-trażmissjoni; (iii) id-distribuzzjoni u (iv) il-provvista bl-imnut. Konsegwentement, it-talba ta' CVA għandha tiġi analizzata b'mod indipendenti fir-rigward tal-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa fuq naħa waħda u l-provvista bl-imnut fuq in-naħa l-oħra.

### Il-Produzzjoni u l-Provvista bl-Ingrossa tal-Elettriku

(8) Kif imfakkar fil-Premessa (2) hawn fuq, it-talba ppreżentata minn CVA tikkonċerna l-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku, fit-territorju sħiħ tar-Repubblika Taljana, jew inkella fil-Makro Żona Tramuntana.

(9) Skont l-informazzjoni disponibbli ([2]), it-territorju nazzjonali tal-Italja għandu, minħabba konġestjonijiet fil-links bejn iż-żoni differenti li l-prezzijiet tagħhom huma kważi korrelatati perfettament, jitqies bħala li huwa kostitwit minn erba' swieq ġeografiċi reġjonali fir-rigward tal-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku: il-Makro Żona Tramuntana, il-Makro Żona Ċentru Nofsinhar ([3]), il-Makro Żona Sqallija ([4]) u Sardinja. L-Awtoritajiet Taljani kkonfermaw li d-delimitazzjoni tal-Makro Żona Tramuntana tibqa' valida bħala suq rilevanti; filwaqt li jżidu, madankollu, li l-bidliet huma kontinwi biex b'hekk id-delimitazzjoni bejn il-bqija tal-makro żoni mhijiex ċara għalissa, sakemm isiru inkjesti estensivi u, għalhekk, bħalissa mhuwiex possibbli li ssir evalwazzjoni definittiva tal-istat tal-kompetizzjoni f'dawn is-swieq ġeografiċi. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, u meta wieħed iqis li, inċidentalment, l-impjanti tal-enerġija ta' CVA jinsabu fil-Makro Żona Tramuntana, din id-Deċiżjoni sejra, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE, tillimita lilha nnifisha għal eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni kompetittiva eżistenti fit-territorju tal-Makro Żona Tramuntana fir-rigward tal-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku. Għalkemm il-Makro Żona Tramuntana tifforma suq rilevanti wieħidha, madankollu, hija tista' ma tidhirx li hija kompletament iżolata mill-pajjiżi tal-madwar u r-reġjuni l-oħrajn.

(10) Kif jirriżulta minn prattika kostanti ([5]) fir-rigward tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 30, il-Kummissjoni kkunsidrat li, fir-rigward tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, "indikatur wieħed għall-grad ta' kompetizzjoni fis-swieq nazzjonali huwa s-sehem totali tas-suq tal-akbar tliet produtturi". Skont l-Awtoritajiet Taljani, għall-2009, is-sehem tal-akbar tliet ġeneraturi fil-Makro Żona Tramuntana huwa indikat bħala 49,7 %. Dan il-livell ta' konċentrazzjoni, li jinkludi s-sehem totali tas-suq tal-akbar tliet ġeneraturi, huwa aktar baxx mil-livell (52,2 %) imsemmi fid-Deċiżjoni 2008/585/KE fir-rigward tal-Awstrija, kif ukoll aktar baxx mil-livell (58 % tal-produzzjoni gross) imsemmi fid-Deċiżjoni 2008/741/KE fil-każ tal-Polonja, u ferm aktar baxx mil-livelli rispettivi msemmija fid-Deċiżjonijiet 2006/422/KE u 2007/706/KE li jikkonċernaw il-Finlandja (73,6 %) u l-Isvezja (86,7 %) rispettivament. Madankollu, huwa nnotat li l-livell huwa ogħla mill-perċentwal korrispondenti, 39, li għalih jirreferu d-Deċiżjonijiet 2006/211/KE u 2007/141/KE għar-Renju Unit. Madankollu, dan il-livell jitqies bħala baxx b'mod sodisfaċenti, u għalhekk jista' jittieħed bħala indikazzjoni ta' ċertu grad ta' espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni fir-rigward tal-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana.

(11) Barra minn hekk, l-Italja timporta provvisti sostanzjali ta' elettriku, tant li fl-2008 kellha ordni ta' aktar minn 42 997 GWh. L-Italja hija importatur nett u importat elettriku li jammonta għal madwar 13,43 % tal-ħtiġijiet totali tagħha ([6]). Kif ġie kkonfermat mill-Awtoritajiet Taljani ([7]), l-importazzjonijiet għandhom effett pro-kompetittiv, b'mod partikolari fil-Makro Żona Tramuntana. Għalkemm dan l-effett huwa kkundizzjonat mil-limitazzjoni teknika tal-interkonnessjoni ma' pajjiżi

([1]) MERGER COMP M - 4110 E.ON – ENDESA, p. 3.

([2]) Ara Rapport Finali, Anness B, punt A1, 2.

([3]) Din tinkludi ż-żoni Centro Nord, Piombino, Centro Sud, Sud, Rossano, Brindisi u Calabria.

([4]) Din tinkludi ż-żoni Sicilia, Priolo u Calabria.

([5]) Ara d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2009/47/KE (ĠU L 19, 23.1.2009, p. 57); 2008/585/KE (ĠU L 188, 16.7.2008, p. 28); 2008/741/KE (ĠU L 251, 19.9.2008, p. 35); 2007/141/KE (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 23); 2007/706/KE (ĠU L 287, 1.11.2007, p. 18); 2006/211/KE (ĠU L 76, 15.3.2006, p. 6) u 2006/422/KE (ĠU L 168, 21.6.2006, p. 33).

([6]) jiġifieri l-kwantità tal-elettriku meħtieġa għall-konsum intern u għall-esportazzjonijiet.

([7]) Ittra 0018212 tal-10 ta' Mejju 2010 tal-Awtorità Taljana għall-Elettriku u l-Gass.

oħrajn, huwa mistenni li, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni l-ġdida fis-seħħ ([1]), is-sitwazzjoni għandha tkompli titjieb. Għalhekk, hemm ċertu grad ta' restrizzjoni fuq l-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi ewlenin fil-Makro Żona Tramuntana permezz ta' importazzjonijiet ta' elettriku minn barra t-territorju Taljan. Dawn il-fatturi għandhom għalhekk jittieħdu bħala indikazzjoni ta' ċertu grad ta' espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni minn Stati Membri oħrajn tal-UE, fir-rigward tal-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana.

(12) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, "Rapport dwar il-progress fil-ħolqien tas-suq intern tal-gass u tal-elettriku" tal-2010 ([2]) uriet li l-akbar tliet ġeneraturi għadhom qegħdin jikkontrollaw aktar minn 75 % tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni f'14-il Stat Membru. Madankollu, ir-rapport ipoġġi s-suq tal-elettriku fl-Italja fil-kategorija tas-swieq b'"konċentrazzjoni moderata" ([3]), filwaqt li l-Indiċi Herfindahl-Hirchman (HHI) għandu valuri aktar baxxi meta mqabbla mal-kategoriji l-oħrajn. Minħabba li l-pressjoni tal-kompetizzjoni tinħass saħansitra aktar fil-Makro Żona Tramuntana milli fil-bqija taż-żoni, il-grad ta' konċentrazzjoni jista' jitqies bħala indikazzjoni ta' espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni tal-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana.

(13) Barra minn hekk, anki jekk jirrappreżentaw parti żgħira tal-ammont totali tal-elettriku prodott u/jew ikkonsmat fi Stat Membru, il-funzjonament tal-mekkaniżmi ta' bilanċ għandu jitqies bħala indikatur addizzjonali. Skont l-informazzjoni disponibbli, it-tħaddim tal-mekkaniżmu ta' bilanċ – b'mod partikolari l-prezzijiet ibbażati fis-swieq u s-suq ta' matul il-ġurnata żviluppat sew – huwa tali li ma jikkostitwixxi ebda ostakolu għall-produzzjoni tal-elettriku soġġett għall-espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni.

## Il-provvista bl-imnut tal-elettriku

(14) Fir-rigward tal-provvista bl-imnut, tista' ssir distinzjoni oħra tas-suq tal-prodotti rilevanti bejn: (A) il-provvista bl-imnut għal klijenti industrijali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna u (B) il-provvista bl-imnut għal klijenti industrijali, kummerċjali u domestiċi iżgħar imqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx. Dawn is-swieq għandhom ikomplu jiġu analizzati separatament.

*Provvista bl-imnut tal-elettriku lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna*

(15) Kif ġie kkonfermat mill-Awtoritajiet Taljani, fl-ambitu tiegħu, is-suq għall-provvista bl-imnut tal-elettriku lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna huwa nazzjonali.

(16) Skont l-informazzjoni disponibbli ([4]), l-ishma totali tas-suq tal-akbar tliet bejjiegħa bl-imnut tal-elettriku lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna jammontaw għal 43,89 %, li huwa livell baxx b'mod sodisfaċenti ([5]) u għandu jittieħed bħala indikazzjoni ta' espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni.

(17) Minħabba l-karatteristiċi tal-prodott ikkonċernat (elettriku) u l-iskarsezza jew in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' prodotti jew servizzi sostitwibbli xierqa, il-kompetizzjoni fil-prezzijiet u l-formazzjoni tal-prezzijiet jassumu importanza akbar fil-valutazzjoni tal-istat kompetittiv tas-swieq tal-elettriku. Għalhekk, in-numru ta' klijenti li jbiddlu l-fornitur jista' jservi bħala indikatur tal-kompetizzjoni fil-prezzijiet u, għalhekk, indirettament, bħala "indikatur naturali tal-effikaċja tal-kompetizzjoni. Jekk ikun hemm ftit klijenti li jbiddlu l-fornitur, x'aktarx li jkun hemm problema bil-funzjonament tas-suq, anki jekk il-benefiċċji mill-possibbiltà tan-negozjar mill-ġdid mal-fornitur storiku ma għandhomx jiġu injorati" ([6]).

(18) Skont l-aħħar informazzjoni disponibbli ([7]), ir-rati li jinbidlu sal-punt eliġibbli fl-2008 jammontaw għal 32,50 % għal klijenti industrijali kbar u għal 32,80 % għall-industrija ta' daqs medju fl-Italja. Filwaqt li huwa aktar baxx mill-grad ta' bdil, pereżempju, fl-Awstrija, fejn ir-rata tal-bdil għal klijenti industrijali kbar u kbar ħafna kienet tammonta għal 41,5 % ([8]), ir-rata tal-bdil fl-Italja għadha waħda konsiderevoli, li tinvolvi kważi terz tal-klijenti industrijali kbar u ta' daqs medju. Barra minn hekk, is-suq tal-bejgħ bl-imnut lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna mhuwiex soġġett għal prezzijiet regolati. Is-sitwazzjoni fl-Italja hija għalhekk waħda sodisfaċenti fir-rigward tal-bdil u l-kontroll tal-prezzijiet għall-utenti finali, u għandha tittieħed bħala indikatur tal-espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni.

*Provvista bl-imnut tal-elettriku lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx*

(19) Fir-rigward tas-suq ġeografiku rilevanti għall-provvista bl-imnut, tradizzjonalment dan kien meqjus li huwa nazzjonali fl-ambitu tiegħu. Fl-applikazzjoni tagħha, CVA tuża s-suq nazzjonali bħala suq rilevanti għall-provvista bl-imnut tal-elettriku.

---

([1]) Liġi Nru. 99/2009 tat-23 ta' Lulju 2009.

([2]) SEC(2010) 251minn hawn 'il quddiem 'Komunikazzjoni tal-2010'.

([3]) Tabella 3.1 tal-Anness Tekniku (p. 12) għal Komunikazzjoni tal-2010.

([4]) Rapport Annwali dwar l-Istat tas-Servizzi u l-Attivitajiet Regolatorji tal-Awtorità Taljana għall-Elettriku u l-Gass (AEEG) tal-31 ta' Marzu 2009 (minn hawn 'il quddiem 'ir-Rapport Annwali 2009 tal-AEEG'), p. 76.

([5]) Dan jikkorrespondi mill-qrib ħafna għal-livell ta' konċentrazzjoni, 43 %, li jinstab fis-suq Svediż tal-provvista bl-imnut, (ara l-premessa 14 tad-Deċiżjoni 2007/706/KE).

([6]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-progress fil-ħolqien tas-suq intern tal-gass u tal-elettriku, (COM(2005) 568 finali, minn hawn 'il quddiem il-'Komunikazzjoni tal-2005'), p. 9.

([7]) Tabella 2.2 tal-Anness Tekniku għal Komunikazzjoni 2010.

([8]) Ara l-Premessa 13 tad-Deċiżjoni 2008/585/KE.

(20) Fuq il-bażi tas-suppożizzjoni li s-suq ġeografiku huwa nazzjonali fl-ambitu tiegħu, u skont l-informazzjoni disponibbli bħalissa ([1]), jidher li l-ammont tal-konċentrazzjoni fis-suq għall-provvista bl-imnut tal-elettriku fis-suq Taljan huwa għoli ħafna. L-ishma akkumulati fis-suq tal-akbar tliet bejjiegħa bl-imnut lil klijenti mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx jammontaw għal 79,44 %, li minnhom l-akbar kumpanija għandha sehem ta' 71,11 % weħidha. F'dan il-kuntest għandha titfakkar ġurisprudenza kostanti ([2]), li tgħid li "ishma ta' swieq kbar ħafna huma minnhom infushom, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali, evidenza tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti. Dik hija s-sitwazzjoni meta jkun hemm sehem fis-suq ta' 50 %".

(21) Barra minn hekk, is-suq bl-imnut fl-Italja huwa suddiviż fi tliet subkategoriji, li l-ewwel tnejn minnhom huma soġġetti għal prezzijiet regolati:

(a) servizz imtejjeb ta' protezzjoni għal klijenti domestiċi u kumpaniji żgħar (b'inqas minn 50 impjegat u qligħ ta' mhux aktar minn EUR 10 miljun) imqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx, u li ma ffirmawx kuntratt għal xiri fis-suq ħieles. L-operat ta' dan is-servizz huwa riservat għall-kumpanija Acquirente Unico SpA (minn hawn 'il quddiem "ix-Xerrej waħdieni");

(b) servizz protett għall-klijenti kollha li mhumiex eliġibbli għas-servizz imtejjeb ta' protezzjoni u li ma għandhom ebda kuntratt għal xiri fis-suq ħieles. Dan is-servizz jingħata minn fornituri magħżula mix-xerrej Waħdieni permezz ta' offerta kompetittiva; u

(ċ) is-suq ħieles, jiġifieri l-bqija tas-suq bl-imnut.

(22) Madankollu, dawn is-swieq ma għandhomx jitqiesu bħala swieq indipendenti rilevanti, bil-għan tad-deċiżjoni preżenti ladarba l-klijenti jistgħu jaqilbu minn subkategorija waħda għal oħra u ladarba l-prezzijiet fit-tliet subkategoriji kollha huma bbażati fis-suq ([3]). Madankollu, skont ir-Rapport Annwali 2009 tal-AEEG, l-hekk imsejjaħ "suq magħluq", li jinkludi s-"servizz imtejjeb ta' protezzjoni" u s-"servizz protett", jammonta għal madwar 36 % tas-suq bl-imnut kollu. Barra minn hekk, skont l-istess rapport, is-servizz imtejjeb ta' protezzjoni huwa kkaratterizzat minn preżenza b'saħħitha ħafna (84,3 %) ta' fornitur wieħed speċifiku, li huwa attiv ukoll fis-suq ħieles. Skont l-awtoritajiet Taljani, il-klijenti jqisu li l-ispejjeż tal-bdil huma għoljin, filwaqt li l-benefiċċji tal-bdil huma meqjusa bħala baxxi. Dan, flimkien mal-prezzijiet baxxi taħt is-servizz imtejjeb ta' protezzjoni jagħmilha diffiċli ħafna għall-operaturi l-ġodda biex jiksbu bażi ta' klijenti suffiċjenti fi ħdan din is-subkategorija. Bażikament, dan jirriżulta f'vantaġġ kompetittiv għall-operaturi taħt is-servizz imtejjeb ta' protezzjoni li joperaw ukoll fis-suq ħieles, minħabba li l-klijenti li jkunu jixtiequ jibdlu minn servizz imtejjeb ta' protezzjoni għas-suq ħieles, jew viċi versa, spiss jagħmlu dan mingħajr ma jbiddlu l-fornitur.

(23) Madankollu, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani rilevanti ([4]), jista' jiġi konkluż, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, li s-suq ġeografiku għall-bejgħ bl-imnut tal-elettriku fl-Italja mhuwiex nazzjonali fl-ambitu tiegħu, kif inhu meqjus tradizzjonalment u kif preżunt mill-applikant, iżda huwa lokali fl-ambitu, b'territorju li ħafna drabi ma jaqbiżx il-livell muniċipali.

(24) Fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-livell ta' kompetizzjoni fuq kull wieħed mis-swieq lokali hekk definiti għall-provvista bl-imnut tal-elettriku għal utenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx u meta jitqiesu d-dubji msemmija fuq dwar il-livell ta' kompetizzjoni fis-suq bl-imnut għal klijenti mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx, kif jidhru globalment fuq livell nazzjonali, kif diskuss fil-premessi (19) sa (22), mhuwiex possibbli li jiġi konkluż li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 30(1) ta' Direttiva 2004/17/KE għall-provvista bl-imnut tal-elettriku għal klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx fl-Italja, huma ssodisfati.

(25) Għalhekk, id-Direttiva 2004/17/KE tkompli tapplika meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti bil-għan li jippermettu l-provvista bl-imnut tal-elettriku għal klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx fl-Italja u meta dawn jorganizzaw kuntesti ta' disinn għat-twettiq ta' tali attività fl-Italja.

## IV **KONKLUŻJONIJIET**

(26) Fir-rigward tal-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana, is-sitwazzjoni tista' għalhekk tingħabar fil-qosor kif ġej: l-ammont totali tal-ishma fis-suq tal-akbar tliet ġeneraturi huwa moderatament baxx, u l-ammont sostanzjali ta' elettriku importat qiegħed ikollu effett pro-kompetittiv fuq din iż-żona. Kif stipulat fil-Premessa (13), il-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' bilanċ ma jikkostitwixxi ebda ostakolu għall-espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni tas-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku. Konsegwentement, jista' jitqies li l-fatturi kollha msemmija fuq huma indikazzjonijiet ta' espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni fil-Makro Żona Tramuntana.

(27) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati fil-premessi (8) sa (13), il-kundizzjoni tal-espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE għandha titqies bħala li ġiet issodisfata fir-rigward tal-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana.

([1]) Rapport Annwali tal-2009 tal-AEEG.
([2]) Ara l-punt 328 tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' Frar 2002 fil-Każ T-395/94 *Atlantic Container Line AB u Oħrajn* vs *il-Kummissjoni* [2002] ECR II-875.
([3]) Fil-fatt, il-prezzijiet regolati huma ffissati fuq il-bażi tal-prezzijiet li jinstabu fis-suq ħieles.
([4]) Ittra 0032953 tal-20 ta' Mejju 2010 tal-Awtorità Taljana għall-Kompetizzjoni.

(28) Barra minn hekk, minħabba li l-kundizzjoni tal-aċċess mhux ristrett għas-suq titqies bħala li ġiet issodisfata, id-Direttiva 2004/17/KE ma għandhiex tapplika meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsubin sabiex jippermettu li titwettaq il-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana u lanqas meta jorganizzaw kuntesti ta' disinn għat-twettiq ta' tali attività f'dik iż-żona ġeografika.

(29) Fir-rigward tal-bejgħ bl-imnut tal-elettriku lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna fl-Italja, is-sitwazzjoni tista' għalhekk tinġabar fil-qosor kif ġej: it-total tal-ishma fis-suq tal-akbar tliet kumpaniji bl-imnut huwa baxx, u l-ammont tal-bdil skont il-punt tal-irtirar huwa sodisfaċenti, filwaqt li ma hemm ebda kontroll fil-prezzijiet għall-utenti finali. Dawn il-konkluż-jonijiet huma wkoll skont l-opinjoni tal-Awtoritajiet Taljani rilevanti billi dan is-suq kien għal diversi snin espost għal kompetizzjoni u, għalhekk, il-grad ta' kompetizzjoni li jirriżulta huwa sodisfaċenti.

(30) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati fil-premessi (15) sa (18), il-kundizzjoni tal-espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni stipulata fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE għandha titqies bħala li ġiet issodisfata fir-rigward tal-provvista bl-imnut tal-elettriku għal klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna fit-territorju sħiħ tar-Repubblika Taljana.

(31) Barra minn hekk, ladarba l-kundizzjoni tal-aċċess mhux ristrett għas-suq titqies bħala li ġiet issodisfata, id-Direttiva 2004/17/KE ma għandhiex tapplika meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsubin biex jippermettu l-provvista bl-imnut tal-elettriku għal klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna fl-Italja u lanqas meta jorganizzaw kuntesti ta' disinn għat-twettiq ta' tali attività f'dik iż-żona ġeografika.

(32) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati fil-premessi (19) sa (25) u minħabba d-dubji dwar l-eżistenza ta' kompetizzjoni suffiċjenti fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-provvista bl-imnut għal klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx u, minbarra dan, fin-nuqqas ta' informazzjoni dettaljata fuq kull suq lokali rilevanti, kif definit mill-awtoritajiet Taljani, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 30(1) ta' Direttiva 2004/17/KE għall-provvista bl-imnut tal-elettriku għal klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx fl-Italja, huma ssodisfati. Konsegwentement, id-Direttiva 2004/17/KE tkompli tapplika meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsubin biex jippermettu l-provvista bl-imnut tal-elettriku għal klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx fl-Italja u meta dawn jorganizzaw kuntesti ta' disinn għat-twettiq ta' tali attività fl-Italja. Minħabba li l-obbligi statistiċi skont l-Artikolu 67 sejrin ikomplu japplikaw, jista' jkun meħtieġ li jiġi żgurat li l-entitajiet kontraenti kkonċernati jieħdu miżuri xierqa bħal separazzjoni maniġerjali u/jew kontabbli sabiex ikunu jistgħu jirrapportaw b'mod korrett dwar l-akkwisti magħmula għat-twettiq tal-attivitajiet rilevanti li ma ġewx eżentati skont id-Deċiżjoni preżenti.

(33) Barra minn hekk, qiegħed jiġi mfakkar li l-kuntratti li jkopru diversi attivitajiet għandhom jiġu ttrattati skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/17/KE. Fil-kuntest preżenti, dan ifisser li meta entità kontraenti tiġi involuta f'akkwist "imħallat", jiġifieri akkwist li jintuża biex jappoġġja l-eżekuzzjoni taż-żewġ attivitajiet eżentati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE u attivitajiet mhux eżentati, għandha tingħata attenzjoni għall-attivitajiet li għalihom il-kuntratt ikun prinċiparjament maħsub. F'każ ta' akkwist imħallat bħal dan, meta l-għan ikun prinċiparjament li tiġi appoġġjata l-provvista bl-imnut tal-elettriku għal klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ baxx, għandha tapplika d-dispożizzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE. Jekk ikun oġġettivament impossibbli li jiġi stabbilit għal liema attività huwa primarjament maħsub il-kuntratt, dan għandu jingħata skont ir-regoli msemmija fil-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 9.

(34) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni legali u fattwali minn Frar sa Mejju 2010 kif jidher mill-informazzjoni ppreżentata mir-Repubblika tal-Italja, CVA, il-Komunikazzjonijiet tal-2005 u tal-2010 u l-annessi Tekniċi tagħhom u d-Dokument tal-Persunal tal-2007, ir-Rapport Finali u r-Rapport Annwali 2009 tal-AEEG. Id-deċiżjoni tista' tiġi riveduta, f'każ li l-bidliet sinjifikanti fis-sitwazzjoni legali jew fattwali jfissru li l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE għall-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana u l-provvista bl-imnut għal klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna ma għadhomx qegħdin jiġu ssodisfati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2004/17/KE ma għandhiex tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsubin biex jippermettu li jitwettqu l-attivitajiet li ġejjin:

(a) Il-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana;

(b) Il-provvista bl-imnut tal-elettriku lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli jew għoli ħafna fit-territorju sħiħ tar-Repubblika Taljana.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Italja.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*
Michel BARNIER
*Membru tal-Kummissjoni*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT